**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 89**
**It-Tlieta, 14 ta' Frar, 2023 fl-4:00 p.m.**

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA – MIŻURI FAVUR L-AMBJENT**

**4855. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid x'miżuri favur l-ambjent ħadet fid-dekasteru tagħha?

12/12/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ħidma favur l-ambjent hija prijorità ewlenija tal-Ministeru tiegħi u tal-Gvern inġenerali. Il-miżuri mwettqa huma bosta u jvarjaw; fost l-oħrajn dawn jinkludu miżuri relatati mat-tibdil fil-klima, it-tħaddir, ir-riabilitazzjoni ta' siti protetti, l-immaniġġar tal-iskart, l-effiċjenza f'infrastrutturi varji, mhux l-inqas fil-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-ilma, l-investimenti f'oqsma ta' enerġija aktar nadifa, l-intrapriża, s-sostenibbiltà, u l-baħar.

F'dan il-kuntest nistieden lill-Onor. Interpellant sabiex ikun aktar speċifiku fit-talba tiegħu. Sadanittant nirreferih ukoll għall-pubblikazzjoni dwar it-twettiq li ħareġ is-Servizz Pubbliku f'Ottubru li għadda; għalkemm ma tirreferix għal ħidma kollha li wettaq il-Ministeru, f'din il-pubblikazzjoni wieħed jista' jsib sommarju tal-miżuri ewlenin li twettqu.

Seduta 89
14/02/2023

**TFAL ADOTTATI MINN AĠENZIJI TAL-GVERN**

**4856. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il tifel u tifla ġew adottati mill-Fondazzjoni tas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali, FSWS - Direttorat għall-Kura Alternattiva - Servizzi ta' Adozzjoni (Aġenzija APPOĠĠ) fir-rigward ta' adozzjonijiet minn pajjiżi barra minn Malta (Intercountry Adoptions), mis-sena 2019 sal-ġurnata li tiġi mwieġba din id-domanda, maqsuma sena b'sena?

12/12/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba li diġà tajtu għall-mistoqsija parlamentari numru 4587.

Seduta 89
14/02/2023

**TFAL ADOTTATI MINN AĠENZIJI PRIVATI**

**4857. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il tifel u tifla ġew adottati minn aġenziji privati fir-rigward ta' adozzjonijiet minn pajjiżi barra minn Malta (Intercountry Adoptions), mis-sena 2019 sal-ġurnata li tiġi mwieġba din id-domanda, maqsuma sena b'sena?

12/12/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpallent sabiex jirreferi għat-tweġiba li diġà tajt, għall-mistoqsija parlamentari tiegħu stess, numru 4588.

Seduta 89
14/02/2023

**MOSTA - PLOTS SANTA MARGERITA**

**4858. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3919, jista' l-Ministru jgħid meta se jsiru l-kuntratti tal-plots li ngħataw taħt il-Home Ownership Scheme, Issue tal-1987, hekk kif jidher li ċerti plots għadhom mhux esproprjati (Plot fiż-żona ta' Santa Margerità fil-Mosta li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament)? Jista' l-Ministru jgħid xi tkun il-pożizzjoni tal-eredi ta' koppja li jiġu nieqsa mingħajr dan il-kuntratt fis-seħħ?

12/12/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jgħaddi din il-mistoqsija lill-entità kkonċernata.

Seduta 89
14/02/2023

**TAQSIMA TAL-KULTURA RESPONSABBLI GĦAL GĦAWDEX**

**4885. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3928 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u issa ġiet referuta lilu u jgħid kemm hemm staff fit-taqsima tal-kultura li huma responsabbli għal Għawdex?

14/12/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fit-taqsima tal-kultura hemm 11-il impjegat.

Seduta 89
14/02/2023

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - ĦADDIEMA B'DIŻABILITÀ**

**4909. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm impjegati b'diżabilità fil-Ministeru tagħha?

19/12/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-terminu 'persuna b'diżabilità' huwa wieħed vast u mhux limitat għall-diżabilità fiżika biss. Għal fini ta' protezzjoni tad-data personali tali informazzjoni ma tistax tiġi provduta.

Seduta 89
14/02/2023

**SPTAR MATER DEI – INSULINA OUT OF STOCK**

**5608. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kienx hemm xi tip ta' insulina out of stock fl-Isptar Mater Dei bejn l-1 ta' Jannar 2022 u d-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija? Jista' jagħti liema żmien u kemm damet out of stock?

24/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-insulina kienet in-stock fiż-żmien imsemmi minnu fl-Isptar Mater Dei.

Seduta 89
14/02/2023

**ALLIED HEALTH PROFESSIONALS – GĦOTI TA’ SCRUBS TEMPORANJI SAKEMM JINXTRAW UNIFORMIJIET ĠODDA**

**5609. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Fid-dawl li ma nxtrawx uniformijiet ġodda għall-Allied Health Professionals, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hux se jingħataw scrubs temporanji sakemm jinxtraw l-uniformijiet il-ġodda?

24/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qiegħda tiġi diskussa l-possibbiltà li jingħataw scrubs temporanji sakemm jinxtraw l-uniformijiet il-ġodda.

Seduta 89
14/02/2023

**SPTAR MATER DEI – PUBBLIKAZZJONI TA’ MENU TAL-IKEL LI JINGĦATA FIS-SWALI**

**5610. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jippubblika sample ta' menu tal-ikel li ngħata fis-swali tal-Isptar Mater Dei bejn it-8 u t-22 ta' Jannar 2023?

24/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-menu kif mitlub minnu.

Seduta 89
14/02/2023

**MOSTA – ĊENTRU TAS-SAĦĦA – SERVIZZ TAT-TABIB**

**5611. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien il-ħin medju ta’ stennija għas-servizz tat-tabib fiċ-Ċentru tas-Saħħa, il-Mosta fix-xhur ta’ Diċembru 2022 u Jannar 2023 sakemm titwieġeb din il-mistoqsija?

24/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f’Diċembru, il-ħin medju ta' stennija għas-servizz tat-tabib fic-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta kien ta’ madwar sagħtejn u għoxrin minuta. Filwaqt li matul Jannar 2023 kien ta’ madwar sagħtejn.

Seduta 89
14/02/2023

**MOSTA – ĊENTRU TAS-SAĦĦA – SERVIZZ TAT-TABIB**

**5612. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien il-ħin medju ta’ stennija għas-servizz ta’ tabib fiċ-Ċentru tas-Saħħa, il-Mosta fix-xhur ta’ Diċembru 2021 u Jannar 2022?

24/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f’Diċembru 2021, il-ħin medju ta' stennija għas-servizz tat-tabib fic-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta kien ta’ madwar tliet sigħat u ħmistax-il minuta . Filwaqt li matul Jannar 2022 kien ta’ madwar sagħtejn u nofs.

Seduta 89
14/02/2023

**SPTAR MATER DEI - KANĊELLAZZJONIJIET TA' OPERAZZJONIJIET ORTOPEDIĊI SKEDATI**

**5613. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk kienx hemm kanċellazzjonijiet ta' operazzjonijiet ortopediċi skedati, urġenti jew ta' nies li kienu diġà rikoverati fl-Isptar Mater Dei f'Diċembru 2022 jew Jannar 2023?

24/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li operazzjonijiet li huma urġenti isiru fit-trauma theatre mal-ewwel disponibbiltà.

Seduta 89
14/02/2023

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - ĦADDIEMA TAĊ-ĊIVIL - VACATION LEAVE**

**5631. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ħaddiem taċ-Ċivil fil-Ministeru tiegħu għad għandhom vacation leave mhux użat fi tmiem id-data tal-vacation leave?

24/01/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kien hemm 203 ħaddiema taċ-Ċivil fil-Ministeru li kien għad għandhom vacation leave mhux użat fi tmiem id-data tal-vacation leave.

Seduta 89
14/02/2023

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - ĦADDIEMA TAĊ-ĊIVIL - VACATION LEAVE**

**5632. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il ħaddiem taċ-Ċivil fil-Ministeru tagħha għad għandhom vacation leave mhux użat fi tmiem id-data tal-vacation leave?

24/01/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm 21 ħaddiem taċ-Ċivil fil-Ministeru li kien fadlilhom vacation leave mhux użat fi tmiem id-data tal-vacation leave.

Seduta 89
14/02/2023

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - ĦADDIEMA TAĊ-ĊIVIL - VACATION LEAVE**

**5633. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ħaddiem taċ-Ċivil fil-Ministeru tiegħu għad għandhom vacation leave mhux użat fi tmiem id-data tal-vacation leave?

24/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kien hemm 7 ħaddiema taċ-Ċivil li kien fadlilhom vacation leave mhux użat sat-tmiem is-sena 2022.

Seduta 89
14/02/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - ĦADDIEMA TAĊ-ĊIVIL - VACATION LEAVE**

**5634. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ħaddiem taċ-Ċivil fil-Ministeru tiegħu għad għandhom vacation leave mhux użat fi tmiem id-data tal-vacation leave?

24/01/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm 1,245 ħaddiem taċ-Ċivil fil-Ministeru li kien fadlilhom vacation leave mhux użat fi tmiem id-data tal-vacation leave.

Seduta 89
14/02/2023

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - ĦADDIEMA TAĊ-ĊIVIL - VACATION LEAVE**

**5635. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ħaddiem taċ-Ċivil fil-Ministeru tiegħu għad għandhom vacation leave mhux użat fi tmiem id-data tal-vacation leave?

24/01/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li fil-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza hemm 2481 ħaddiem taċ-Ċivil li għandhom xi sigħat ta' vacation leave mhux użati fi tmiem id-data tal-vacation leave.

Seduta 89
14/02/2023

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU - ĦADDIEMA TAĊ-ĊIVIL - VACATION LEAVE**

**5636. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ħaddiem taċ-Ċivil fil-Ministeru tiegħu għad għandhom vacation leave mhux użat fi tmiem id-data tal-vacation leave?

24/01/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm 54 ħaddiema taċ-Ċivil fil-Ministeru li kien fadlilhom vacation leave mhux użat fi tmiem id-data tal-vacation leave.

Seduta 89
14/02/2023

**KAROZZI TAL-ELETTRIKU - CHARGERS B'XEJN**

**5927. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża:
Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 4785 kollha kemm hi u tgħid kemm hemm chargers għall-karozzi tal-elettriku f'Għawdex li huma b'xejn (fejn min jużahom ma jħallasx) u fejn jinsabu?

01/02/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta għall-Mistoqsija Parlamentari 4785 li hija ċara u li tindika li dawn il-carports qegħdin f'Ta' Xbiex, Marsa u Ċirkewwa u allura mhux f'Għawdex.

Seduta 89
14/02/2023

**IX-XEWKIJA – TRIQ ĦAMET, TRIQ IR-RABAT U TRIQ TA' XĦAJMA – RESURFACING TA' TRINEK**

**5928. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4767, tista' l-Ministru tgħid meta hu skedat (xahar u sena) li jsir ir-resurfacing tat-trinek kollha tal-Junction tat-Triq ta Ħamet fix-Xewkija, ta' Triq ir-Rabat u Triq Ta' Xħajma fin-Nadur, u dan wara li saru trinek f'din it-triq diversi xhur ilu u sal-lum għadhom bil-wiċċ tal-konkos? Ma taħsibx li triq arterjali li jkollha parti minnha bil-konkos hija ta' periklu serju għas-sewwieqa?

01/02/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-imsemmija xogħlijiet se jitkomplew fil-ġimgħat li ġejjin dejjem jekk it-temp jippermetti.

Seduta 89
14/02/2023

**KIRI TA' BINJIET ĠODDA**

**5929. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4367 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3721, jista' jgħid fejn jinsabu dawn it-12-il binja ġodda (triq u raħal) mikrija mill-privat matul is-snin 2021 u 2022 u fiex jikkonsistu? Jista' jgħid b'liema mod inkrew dawn it-12-il binja ġodda mikrija mill-privat? Meta u fejn ħarġet is-sejħa biex jinkrew dawn it-12-il binja u x'kera qed titħallas għal kull wieħed minn dawn it-12-il post? Jista' jgħid ukoll għal liema skop inkriet binja mid-Direttorat tas-Servizzi Korporattivi peress li fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3721 ma ngħatatx ir-raġuni?

01/02/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif murija fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 89
14/02/2023

**SOCIAL IMPACT ASSESSMENTS – KONKLUŻJONIJIET**

**5938. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'valur għandhom il-konklużjonijiet mis-'social impact assessments' meta dawn jintalbu biex isiru fuq proġetti kbar?

01/02/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li jien infurmat li meta jkun hemm il-ħtieġa ta' "Social Impact assessment" fi proġetti partikolari, l-Awtorità tal-Ippjanar tkun qed tassigura illi fil-konklużjonijiet, dan ir-rapport ikun jinkludi l-miżuri kollha meħtieġa biex ikun jista' jiġi mitigat b'mod konkret kull impatt li jista' jaffettwa b'mod negattiv lir-residenti tal-lokal. Dawn l-istess mitigazzjonijiet ikunu mressqa bħala parti mill-proposta biex jiffurmaw parti minn sett ta' kundizzjonijiet li jiffurmaw l-eventwal permess jekk l-iżvilupp ikun għall-approvazzjoni.

Seduta 89
14/02/2023

**RABAT, GĦAWDEX – SKOLA ĠDIDA PRIMARJA U ESTENSJONI TAL-MIDDLE SCHOOL - PAGAMENTI**

**5983. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru pagamenti fuq l-iskola ġdida primarja u l-estensjoni tal-Middle School fir-Rabat, Għawdex, sad-data meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija? Jista' jgħid lil min sar kull pagament u kemm kien u jgħid ukoll ta' liema xogħol/servizz/servizzi kien dak il-pagament?

02/02/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li pagamenti fuq xogħlijiet ta' exkavazzjoni u kostruzzjoni saru b'€3,149,226,86.

Seduta 89
14/02/2023

**RABAT, GĦAWDEX – GOZO MUSEUM - PAGAMENTI**

**5984. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru pagamenti fuq il-Gozo Museum fir-Rabat, Għawdex sad-data meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija? Jista' jgħid lil min sar kull pagament u kemm kien, kif ukoll jgħid ta' liema xogħol/servizz/servizzi kien dak il-pagament?

02/02/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett tal-Gozo Museum se jkun wieħed mill-aqwa attrazzjonijiet kulturali fil-pajjiż. Intant, il-pagamenti li saru s'issa fuq dan il-proġett jammontaw għal €4,077,870.

Seduta 89
14/02/2023

**GĦAWDEX – XAGĦRA – TRIQ TA' KARKAR – XOGĦOL TA' BINI U RIKOSTRUZZJONI**

**5985. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jindika bejn wieħed u ieħor meta se jibda x-xogħol ta' bini u rikostruzzjoni tat-Triq ta' Karkar fix-Xagħra, Għawdex, peress li f' dawn l-aħħar disa' snin sar ħafna bini fiha u din it-triq hi bla wiċċ u tinsab fi stat ħażin ħafna u taqa' taħt ir-responsabilità diretta tal-Ministeru għal Għawdex?

02/02/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-rikostruzzjoni ta' din it-triq mistennija ssir fix-xhur li ġejjin. Infurmat ukoll li din it-triq qiegħda fi stat ħazin.

Seduta 89
14/02/2023

**POLITIKA NAZZJONALI KONTRA L-UŻU TAD-DROGA**

**6023. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-Politika Nazzjonali kontra l-Użu tad-Droga f'pajjiżna?

02/02/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kopja tal-Politika Nazzjonali kontra l-Użu tad-Droga f'pajjiżna tista' tkun aċċessata mis-sit uffiċjali tal-Ministeru, mill-ħolqa t'hawn taħt:
https://family.gov.mt/wp-content/uploads/2021/05/Malta-Drugs-Policy-2008-EN.pdf
Madanakollu, qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-Politika Nazzjonali msemmija minnu.

Seduta 89
14/02/2023

**L-EWWEL DISTRETT ELETTORALI – SPEED CAMERAS**

**6024. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid fejn huma installati l-ispeed cameras fl-Ewwel Distrett Elettorali, kemm hu l-ispeed limit għal kull camera, kemm hemm tabelli li jindikaw li hemm speed camera fil-qrib u kemm hemm tabelli qabel kull camera li jindikaw l-ispeed limit?

02/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma hemm l-ebda speed camera installata fl-Ewwel Distrett Elettorali.

Seduta 89
14/02/2023

**IT-TIENI DISTRETT ELETTORALI – SPEED CAMERAS**

**6025. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid fejn huma installati l-ispeed cameras fit-Tieni Distrett Elettorali, kemm hu l-ispeed limit għal kull camera, kemm hemm tabelli li jindikaw li hemm speed camera fil-qrib u kemm hemm tabelli qabel kull camera li jindikaw l-ispeed limit?

02/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma hemm l-ebda speed camera installata fit-Tieni Distrett Elettorali.

Seduta 89
14/02/2023

**IT-TIELET DISTRETT ELETTORALI – SPEED CAMERAS**

**6026. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid fejn huma installati l-ispeed cameras fit-Tielet Distrett Elettorali, kemm hu l-ispeed limit għal kull camera, kemm hemm tabelli li jindikaw li hemm speed camera fil-qrib u kemm hemm tabelli qabel kull camera li jindikaw l-ispeed limit?

02/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fit-Tielet Distrett hemm installati speed camera u tabelli hekk kif jidher hawn taht

<table>
<tr><th>Lokalità</th><th>Fejn huma installati l-ispeed cameras</th><th>Kemm hu l-ispeed limit għal kull camera</th><th>Kemm hemm tabelli li jindikaw li hemm speed camera fil-qrib</th><th>Kemm hemm tabelli qabel kull camera li jindikaw l-ispeed limit</th></tr>
<tr><td rowspan="2">Żejtun</td><td rowspan="2">2 Tal-Barrani</td><td rowspan="2">60</td><td>4 fid-direzzjoni lejn in-Nofsinhar</td><td>2 fid-direzzjoni lejn in-Nofsinhar</td></tr>
<tr><td>2 fid-direzzjoni lejn it-Tramuntana</td><td>2 fid-direzzjoni lejn it-Tramuntana</td></tr>
</table>

Seduta 89
14/02/2023

**IR-RABA’ DISTRETT ELETTORALI – SPEED CAMERAS**

**6027. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista’ l-Ministru jgħid fejn huma installati l-ispeed cameras fir-Raba’ Distrett Elettorali, kemm hu l-ispeed limit għal kull camera, kemm hemm tabelli li jindikaw li hemm speed camera fil-qrib u kemm hemm tabelli qabel kull camera li jindikaw l-ispeed limit?

02/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma hemm l-ebda speed camera installata fir-Raba' Distrett Elettorali.

Seduta 89
14/02/2023

**IL-ĦAMES DISTRETT ELETTORALI – SPEED CAMERAS**

**6028. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista’ l-Ministru jgħid fejn huma installati l-ispeed cameras fil-Ħames Distrett Elettorali, kemm hu l-ispeed limit ghal kull camera, kemm hemm tabelli li jindikaw li hemm speed camera fil-qrib u kemm hemm tabelli qabel kull camera li jindikaw l-ispeed limit?

02/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-Ħames Distrett hemm installati speed camera u tabelli hekk kif jidher hawn taħt:

| Lokalità | Fejn huma installati l-ispeed cameras | Kemm hu l-ispeed limit għal kull camera | Kemm hemm tabelli li jindikaw li hemm speed camera fil-qrib | Kemm hemm tabelli qabel kull camera li jindikaw l-ispeed limit |
|---|---|---|---|---|
| Gudja/B’Buġia | 1 Vjal l-Avjazzjoni( Ħal Far Road)* | 60 | 2 fid-direzzjoni lejn in-Nofsinhar | 2 fid-direzzjoni lejn in-Nofsinhar |
| | | | 2 fid-direzzjoni lejn it-Tramuntana | 3 fid-direzzjoni lejn it-Tramuntana |

Seduta 89
14/02/2023

**AĠENZIJA GĦAS-SERVIZZI KORRETTIVI - ĦADDIEMA**

**6043. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid minn kemm ilu li twaqqfet l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi, kemm kien hemm ħaddiema li kienu fuq kuntratt, kemm kien hemm ħaddiema li ġew impjegati mingħajr sejħa jew abbażi

ta' position-of-trust, u kemm minn dawn ġew eventwalment ingaġġati mal-Aġenzija u x'inhu l-grad u l-iskala tagħhom illum?

02/02/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn meta twaqqfet l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi, kien hemm il-ħatra ta' żewġ Kapijiet Eżekuttivi apparti l-persuna li qed tokkupa l-kariga preżentament, wieħed f'Diċembru tal-2019 u l-ieħor f'Jannar tal-2021 rispettivament.
F'Lulju 2020, kien hemm ukoll il-ħatra ta' Kap tas-Sezzjoni għall-Implimentazzjoni skont l-artikolu 7(2) tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 595.32. Kien hemm tliet (3) persuni li ġew ingaġġati fuq kuntratt indefinit fil-karigi ta' Kap tal-Amministrazzjoni u Operazzjonijiet u Kap tas-Sigurtà, fuq Skala 4, f'Jannar tal-2020 u Kordinatur tal-Loġistika fuq Skala 7, fi Frar 2020.
Seduta 89
14/02/2023

**MARSA – TRIQ IT-TIĠRIJA - SERVIZZ SHUTTLE GĦAR-RESIDENTI**

**6044. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Wara li fil-ħin tal-mistoqsijiet supplimentari tas-Seduta 83 tal-31 ta' Jannar 2023, il-Ministru wieġeb li ppropona lill-Kunsill Lokali tal-Marsa sabiex jipprovdi servizz shuttle b'vettura elettrika lir-residenti ta' Triq it-Tiġrija, jista' l-Ministru jgħid jekk dan is-servizz hux qed jiġi pprovdut u jekk iva, f'liema ħinijiet?

03/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA**: Ninforma lill-Onor. Interpellant li għamilt it-tali proposta b'mod formali lill-Kunsill Lokali ġaladarba din il-vettura eletrika diġà topera. Huwa f'idejn il-Kunsill Lokali biex jiddeċiedi jekk jilqax din il-proposta.

Seduta 89
14/02/2023

**MARSA – TRIQ IT-TIĠRIJA – AĊĊESS**

**6045. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5589, peress li l-Ministru qed jgħid li ttieħdu dawn il-miżuri biex in-nies jaqsmu t-triq b'mod aktar sigur, jista' l-Ministru jgħid kemm saru inċidenti fi Triq it-Tiġrija fiż-żmien meta t-traffic lights kienu aċċessibbli għall-pubbliku u kemm saru inċidenti fiż-żmien meta t-traffic lights kienu aċċessibbli biss għas-sidien tal-entitajiet kummerċjali, u għal kull każ jgħid kemm weġġgħu jew saħansitra mietu nies u jekk kenux fil-karozza jew pedestrians?

03/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 6045 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 89
14/02/2023

**PERMESSI TA' NO PARKING**

**6049. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Fid-dawl li l-kunsilli lokali qegħdin joħorġu permessi ta' 'no parking' li fir-realtà la l-LESA u lanqas il-Pulizija ma huma qegħdin jinfurzaw, u diversi residenti qed jispiċċaw ikollhom diversi argumenti mal-kunsilli għaliex ghalkemm huma jkunu ħallsu għal dawn il-permessi, xorta ma jkollhomx parkeġġ liberu minħabba l-karozzi pparkjati, jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-pożizzjoni tal-Ministeru fuq dan? Għandhom jibqgħu joħorġu permessi li ma jiswew xejn?

03/02/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fil-jiem li għaddew dan il-Ministeru, permezz ta' ħidma kkordinata mal-entitajiet u l-aġenziji kollha kkonċernati, ra li jiddaħħlu fis-seħħ emendi fir-Regolamenti relattivi li ser jassiguraw li ċ-ċittadini Maltin u Għawdxin jingħataw servizz taħt struttura legali aktar ċara u regolarizzata.

Dan hu konferma ċara tal-impenn li għandu dan il-Gvern li jaġixxi fl-aħjar interess taċ-ċittadini Maltin u Għawdxin.

Intant, infakkar lill-Onor. Interpellant illi l-infurzar mill-aġenzija u awtorità minnu msemmija ma jiffurmax parti mid-dekasteru ta' dan il-Ministeru u għalhekk nitlobu sabiex jirreferi kwalsiasi domanda li jista' jkollu fir-rigward lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 89
14/02/2023

**TAĦRIK TA' PERSUNI MINĦABBA L-UŻU TAL-KANNABIS**

**6050. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Fid-dawl li s'issa kull xiri u konsum tal-kannabis huwa illegali għaliex l-Awtorità għall-Użu Responsabbli tal-Kannabis (ARUC) għadha ma ħarġet l-ebda permess skont il-liġi l-ġdida, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx xi direttiva lill-pulizija biex ma jħarrku lil ħadd fid-dawl li f'diversi toroq, b'mod partikolari f'Paceville, San Ġiljan u l-Belt, mhux biss ikun hemm riħa qawwija ta' kannabis (second hand cannabis lil non users) imma persuni li qegħdin jikkunsmaw din id-droga? Jekk le, jista' jgħid kemm tħarrku persuni ġo Paceville, San Ġiljan u l-Belt Valletta b'mod rispettiv minn Ġunju 2022 sal-lum?

03/02/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi l-Pulizija ma għandha l-ebda direttiva kif indikata mill-Onor. Membru u għaldaqstant kull persuna li jinqabad jikser il-liġi dwar droga inkluż dwar cannabis, titressaq quddiem il-ġustizzja.

Seduta 89
14/02/2023

**FAMILY REUNIFICATION**

**6051. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: To ask the Minister to answer Parliamentary Question 5028: Since Government policy does not allow for a parent who does not earn the median wage (plus 20% for each dependent) to apply for family reunification, how many decisions have there been in which a minor (under 18) was refused residence, on the basis of family reunification, in the last five years?

03/02/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li mill-1 ta' Mejju tas-sena 2021 kien hemm 27 applikazzjoni li ġew rifjutati minħabba li ma kinux jilħqu l-kriterji stabbiliti fl-imsemmija policy.

Seduta 89
14/02/2023

**SAN ĠILJAN U TAS-SLIEMA - TNEĦĦIJA TA' E-SCOOTERS IPPARKJATI ĦAŻIN**

**6052. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm tneħħew e-scooters ipparkjati ħażin fuq il-promenade ta' San Ġiljan u Tas-Sliema mil-LESA? Jista' jispjega kif fuq il-promenade mhux permess l-użu tal-bicycles imma din ir-restrizzjoni ma tapplikax għal dawn l-e-scooters? Jista' jgħid kif se titħares is-sigurtà tal-persuni li jkunu qed jimxu fuq il-promendade?

03/02/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-Aġenzija LESA tinforza l-liġi skont il-proviżjonijiet tal-Ordinanza dwar it-Traffiku u Liġijiet Sussidjarji marbuta magħha. Mistoqsijiet ulterjuri għandhom isiru lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 89
14/02/2023

**SAN ĠILJAN U TAS-SLIEMA - TNEĦĦIJA TA' E-SCOOTERS IPPARKJATI ĦAŻIN**

**6053. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm tneħħew e-scooters ipparkjati ħażin fuq il-promenade ta' San Ġiljan u Tas-Sliema minn Transport Malta? Jista' jispjega kif fuq il-promenade mhux permess l-użu tal-bicycles imma din ir-restrizzjoni ma tapplikax għal dawn l-e-scooters? Jista' jgħid kif se titħares is-sigurtà tal-persuni li jkunu qed jimxu fuq il-promendade?

03/02/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 89
14/02/2023

**MARSAXLOKK – ALLOKAZZJONI TA' RMIĠĠI**

**6098. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta se jiġu allokati l-irmiġġi li jinsabu fil-Magħluq, f'Marsaxlokk, bl-ewwel preferenza tkun għas-sajjieda, kif titlob il-liġi u kif infurmat li kien hemm qbil mal-koperattivi? Jista' jgħid ukoll kemm hemm irmiġġi f'dawn l-inħawi u kif inhuma allokati fil-preżent bejn dgħajjes tas-sajjieda u dgħajjes oħra li jintużaw għal skop iehor? Qed isir sforz biex dgħajjes li mhumiex tas-sajjieda jkollhom huma wkoll post għall-irmiġġi?

06/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 89
14/02/2023

**KWOTI TAL-ĦUT**

**6099. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid il-kwoti kollha tal-ħut ta' min huma?

06/02/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kwoti tal-ħut huma tal-istat Malti wara li jkunu assenjati b'mod annwali permezz ta' regolamenti adottati mill-Unjoni Ewropea u anke minn organizzazzjonijiet internazzjonali. Min-naħa tiegħu l-Gvern jiddeċiedi kif iqassamhom b'konsultazzjoni sħiħa mas-settur. Hemm uħud mill-kwoti, li huma hekk imsejħa borma waħda, u hemm uħud assenjati b'mod dirett lis-sajjieda a bażi ta' diversi kriterji u indikaturi.

Seduta 89
14/02/2023

**BYCATCH TAS-SENA 2022**

**6100. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3289, peress li vverifikajt il-ġurnata msemmija u jidher li dik il-ġurnata partikolari kien impossibbli li s-sajjieda joħorġu fuq il-baħar minħabba l-maltemp, jista' l-Ministru, permezz tal-GPRS li huwa obbligatorju li jkun dejjem mixgħul, jgħid kif operaw il-bastimenti li qabdu l-bycatch fis-sena 2022?

06/02/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-ġranet indikati ir-rih kien forza 2 għal 3. Għaldaqstant it-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari 3289 tibqa' fis-seħħ.

Seduta 89
14/02/2023

**FISHERIES DEPARTMENT – AZZJONI DWAR NYLON MORMI FIL-BAĦAR**

**6101. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu jagħmel id-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura flimkien mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) dwar nylon li qed jintuża darba għas-sajd tal-lampuki u ma jiġix irkuprat (li jirriżulta li huma mijiet ta' tunnellati), u li qed jiġu mormija fil-baħar?

06/02/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li min-naħa tad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura, minkejja li mhux responsabbli b'mod dirett, qed iniedi skema fis-sena sabiex iħajjar lis-sajjieda jinvestu f'irkapti li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent. Dan bil-għan li s-settur jiġi edukat u iktar konxju tar-responsabbiltajiet ambjentali li għandu kulħadd.

Seduta 89
14/02/2023

**ERA – AZZJONI DWAR NYLON MORMI FIL-BAĦAR**

**6102. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid x'inhi tagħmel l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) flimkien mad-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura dwar nylon li qed jintuża darba għas-sajd tal-lampuki u ma jiġix irkuprat (li jirriżulta li huma mijiet ta' tunnellati), u li qed jiġu mormija fil-baħar?

06/02/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Infakkkar lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li kont tajt għall-Mistoqsija Parlamentari 2709, Fil-frattemp infurmata wkoll li bħala parti mill-immaniġġjar tas-siti marittimi protetti, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, b'diskussjonijiet mad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura, inkludiet miżura għal titjib fir-rappurtaġġ ta' rkaptu tas-sajd mitluf, u sabiex jerġa' jsir stħarriġ, flimkien mas-sajjieda, dwar il-possibilità ta' rkaptu alternattiv għas-sajd tal-lampuki. Dawn il-miżuri ser jiġu implementati fiż-żmien li ġej.

Seduta 89
14/02/2023

**SANTA VENERA – TRIQ IL-KBIRA SAN ĠUŻEPP - SIĠAR**

**6109. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il siġra hi proġettata li tiżdied fi Triq il-Kbira San Ġużepp, f'Santa Venera?

06/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Aġenzija għaddejja b'diskussjonijiet mal-Kunsilli Lokali rispettivi, kemm ta' Santa Venera kif ukoll dak tal-Ħamrun, biex ikun hemm faċilitajiet imtejbin għar-residenti li jinkludu żoni ta' tħaddir u żoni pedonali b'materjal alternattiv.
Minbarra hekk, l-Onor. Interpellant għandu jkun infurmat ukoll li varji entitajiet oħrajn huma impenjati f'dan ir-rigward fuq livell nazzjonali. Għaldaqstant inħeġġu jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministeri konċernati wkoll.

Seduta 89
14/02/2023

**TOROQ - ASFALTAR**

**6110. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jippreżenta l-lista tat-toroq, maqsuma skont il-lokalità, illi saru mill-ġdid taħt il-wegħda tal-Gvern li jsir l-asfaltar tat-toroq kollha f'seba' snin u flimkien mal-isem tat-triq rispettiva jniżżel id-data ta' meta tlesta x-xogħol?

06/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta qed twettaq ħafna proġetti biex ittejjeb is-sigurezza u s-sostenibilità tas-sistema tat-toroq ewlenin, toħloq infrastruttura ta' kwalità u ambjent aħjar fit-toroq residenzjali f'kull lokalità u tibni mill-ġdid ukoll ħafna toroq sekondarji oħra, fosthom kilometri ta' toroq rurali fil-kampanja. Dan l-investiment qed iħalli l-frott mixtieq, b'diversi toroq residenzjali diġà mibnijin mill-ġdid u b'ħafna proġetti ta' titjib fit-toroq ewlenin tas-sistema tat-trasport bl-art f'pajjiżna.

Infrastructure Malta qiegħda tikkollabora mal-entitajiet rispettivi biex qabel ma jsir il-wiċċ tat-triq jiġu mtejbin jew mibdulin, skont ma jkun meħtieġ, is-sistemi tad-distribuzzjoni tas-servizzi li hemm għaddejjin minn taħt l-art, bħal pajpijiet tal-ilma, katusi tad-drenaġġ, spralli u pajpijiet għall-ilma tax-xita, cables tal-elettriku u pajpijiet għall-cables tal-Internet u servizzi oħrajn tat-telekomunikazzjoni.

L-Agenzija għamlet xogħol infrastrutturali fi, Triq San Pawl, Triq Kananea, Triq Dun Alwig Galea, Triq il-Marg, Triq il-Gamar, Triq Hannibal, Triq l-Imdina,Triq Zaghfran, Triq Nutar Zarb, Triq Belt Valletta, Triq Tumas Chetcuti, Triq Ferdinandu Inglott, Triq Oliver Agius, Triq Hal-Warda, Triq Haz-Zebbug, Triq Vjal De Paul, Ring Road Mount Carmel Hospital, Triq Ta' Qali, Triq Ta' Qassati, Triq Sant' Anton & Triq Lord Strickland, Triq l-Isptar, Triq l-Inhasa, Triq il-Qamħ, Triq is-Sieqja, Sqaq Ta' Rajgu, Triq bla isem fi Triq Haz-Zebbug, Sqaq tal-Hofra, Triq ix-Xgħir and Triq iż-Żir, Model Aircraft Pr
emises, Triq il-Mosta, Wied Hal Balzan, Triq Wied Hal Balzan Buontempo Estates, Triq it-Tabib J. Zammit, Triq Sir Antonio Micallef, Triq il-Qarcilla, Triq l-Gherusija, Vjal De Paule, Sqaq 1 fi Triq l-Imdina, Triq San Dwardu, Triq Ic-Centinarju tal-Parrocca, Triq Il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur, Triq La Vallette / Pjazetta San Filippu / Patri Indri Vella, Triq il-Kullegg, Triq Dun Karm, Triq il-Kan. Karm Pirotta, Triq Censu Costa p/o, Triq Il-Herba, Triq Tumas Fenech, Triq il-Ferrovija l-Antika, Triq Mike Pulis, Triq is-Santwarju, Triq Fluer-de-Lys, Triq p/o is-Sisla, p/o Triq Gorg Borg, Triq L-Imdina (direction to Valletta), Triq Anglu Mallia, Triq l-Isqof Labini, Triq Belle Isle p/o, Triq il-Gebel, Triq bla isem fi Triq ir-Rizza, Triq il-Gandoffla, Triq Tal-Papa, Triq bla isem fi Triq il-Brolli, Triq Benghajsa, Limiti ta' Wied il-Qoton, Sqaq fi Triq il-Kuncizzjoni, Triq bla isem fi Triq it-Torri, Triq Limiti tal-Marnizi (A), Triq Limiti tal-Marnizi (B), Triq Limiti tal-Marnizi (C), Triq bla isem fi Triq Hal Far, Triq il-Kan. Karm Bugelli, Triq il-Barrieri, Triq Mons. Spir Penza, Triq San Patrizzju - Parking Area, Triq San Patrizju, Triq Ferdinand Stuflesser II, Triq il-Musbieh, Triq il-Bzulija, Triq Il-Gebel u Triq Tal-Papa p/o, Triq Zaren Dalli, Triq il-Brolli, Sqaq Il-Qoton, Triq Tan-Nadur, Triq Brolli/ Has-Saptan, Triq Mons. Spir Penza, Triq ix-Xerriek, Triq it-Tankijiet, Sqaq il-Fortizza, Triq Hal Far, Triq il-Qalb Imqaddsa, Sqaq Unamed alley in Triq Hal Far, Sqaq fi Triq l-Immakulata Kuncizzjoni, Sqaq ta' Faqqanija, Trejqet Wied ta' Klima, Triq Ta' Giligejla, Triq il-Fortizza ta' Karagg, Sqaq fi Triq Limiti ta' Wied il-Qoton, Triq 22 ta' Frar, Triq bla isem fi triq l-immakulata, Triq l-Imnarja, Triq il-Fortizza, Triq Birzebbugia, Shooting Range, Triq fi Triq Ta' Wied il-Qoton, Benghajsa MATS Station, Sqaq ta' Salvun, Triq tat-Talb, Triq l-Oratorju, Triq il-Pellegrinagg, Triq Alessandra, Triq San Gorg, Triq San Frangisk, Triq Santa Margerita, Triq il-Polverista p/o, Triq p/o il-Gendus / p/o Triq ir-Regatta, Triq it-Tlett Ibliet, Triq bla isem fi Triq Hal Tartani, Triq Il-Kuncizzjoni, Triq bla isem fi Triq l-Imnarja, Triq il-Bufula, p/o Triq Panoramika, Triq San Pawl tal-Pitkali, Wilga, Misrah Suffara, Sqaq Tal-Qasam, Triq l-Apparell (Dingli), Triq San Pawl tal-Pitkali, Wilga, Misrah Suffara, Triq fi Triq ta' Sabbat, Triq San Rokku, Triq Gdida fi Triq il-Maddalena, Triq Guze Ellul Mercer, Triq Gdida fi Triq it-Turretta, Sqaq Manduka, Sqaq Nru.1 fi Triq ir-Rabat, Triq New street in Triq ir-Rabat, Triq Il-Parrocca, Triq Id-

Dejqa, Sqaq Djar il-Bniet, Triq fi Triq San Gwann Bosco, part of Triq San Gwann Bosco, Dahla tas-Sienja and Sqaq il-Museum, Triq il-Buskett, Triq Frenc Abela, Triq il-Kuncizzjoni, Triq Misrah Frenc Abela / p/o Triq San Pawl, Triq id-Dahar Buskett Road, Triq l-Ghabex, Lemhet Filfla, Guze' Ebejer p/o, Triq bla isem fi Triq ir-Rabat no.2, Triq L-Ghajn, Triq fi Triq ta' Baldu, Triq l-Ghollieq, Triq Martin Luther King, Triq Mahatma Gandhi, Triq San Tumas, Triq is-Sur, Triq il-Merhba, Sqaq Rjallu, Triq Buqexrem, Triq Gdida fi Triq l-Gharnuq, Triq l-Gharnuq, Triq San Xmun, Triq San Pietru, Triq Haz-Zabbar, Triq Hompesch, Triq il-Falkunier & Triq ir-Rghajja, Triq il-Liedna, Triq id-Dejma, Triq Mater Boni Consilii, San Gorg Preca, Pace u Grasso, Pjazza Patri Redent Gauci, Emilio Camilleri, Mat r Tereza ta' Kalkutta, il-Kitba, Triq San Frangisk p/o, Triq il-Kappucini, Triq Vincenzo Dimech, Triq il-Miratur, Triq Triq It-Trunciera ta' Tramuntana and Triq Joseph J Mangion, Triq Pietro Floriani, Telgha ta' Sa Maison, Sqaq Ic-Cawl, Sqaq Il-Qieghed, Triq bla isem fi Triq Santa Katarina, Triq Dun Karm Vella, Triq Caravaggio, Triq Santa Katerina, Sqaq Tal-Balal, Sqaq Tal-Ferha, Sqaq Hofra parti minn Sqaq l-Imnieqa, Sqaq Tal-Gebel, Triq bla isem fi Triq l-Avjazzjoni, Triq Andar, Triq bla isem fi Triq Ghar Dalam, Triq Kalamija, Sqaq il-Wilga, Triq L-Ewwel Ta Jannar 1626, Triq il-Barklor, Dawret Hal Ghaxaq Part 2, Dawret Hal Ghaxaq, Triq il-Belt Valletta, Triq Gammari Dalli, Triq iz-Zejtun, Triq il-Gudja, Triq Santa Marija p/o, Triq Brolli, Triq Il-Merill, Triq Dun V. Scicluna Hernandez, Sqaq il-Bajtar, Triq Tal-Qattus, Triq tal-Gewwinija u Triq Dun Mattew Sciriha, Triq Guzeppi D'Arena, Triq Tgezwira, Trejqet Carmelo Rosario Dimech, Sqaq il-pont fi Triq Has-Saptan, Trejqet Santu Kristu, Triq Victor Pasmore, Sqaq Fuq Wied Betti, Sqaq Xlejli, Triq Burglat, Sqaq San Mikiel, Triq Joseph Pace, Vjal it-Torri, Triq Raymond Caruana, Dawret Il-Gudja, Triq l-Awrekarja, Triq il-Lewz, Triq Filippu Castagna, Sqaq Habel Wati, Triq Xlejli, Triq Hal Resqun, Triq Ta' Loretu, Triq Ta' Lampat, Triq minn Triq Santu Kristu sa Dawret il-Gudja, Triq Bir Miftuh, p/o William Baker, Triq Vincenzo Dimech, p/o Triq Pietro Gagliardi, p/o Triq il-Maghsar and p/o Triq San Mark), Triq Il-Gzira, Triq Nazju Ellul, Triq San Gorg p/o, Triq Luqa Briffa, Triq Birbixkilla p/o / Sqaq Nru 1, Triq Marsa Hamrun Bypass, Triq Joseph Abela Scolaro, Triq Censu Bugeja, Triq Karmnu Abela, Triq Villambrosa Triq Mimosa, Joe Sciberras, Triq Maitland, Triq Atocia, Triq il-Vitorja, Triq bla isem fi Triq il-Hwawar no.1, Triq il-Prinjol, Triq il-Wied, Triq bla isem fi Triq il-Hwawar, Triq bla isem fi Triq Erin Serracino Inglott, Triq il-Bruka, Triq Is-Sur, Triq iz-Zewg Mini (Part of), Triq San Giljan, Triq il-Portu Salvu, Triq Leading to pumproom at Malta Film Studio, Triq Francesco Chircop, Triq il-Gir, Triq Rinella, Triq il-Kapuccini, Triq is-Sienja, Triq il-Genista, Triq n/s in Triq il-Kapuccini, Sqaq Ir-Ramlija, Triq p/o Triq San Benedittu, Sqaq San Nikola, Triq il-Lewziet, Triq iz-Zebbiegh / Triq il-Lewziet, Triq bla isem fi (Triq Il-Mosta, Triq Karlu Darmanin, Triq Fernand Grech, Triq in-Naxxar, Triq Sir Ugo Mifsud, Triq Annibale Preca, Triq Hal-Bordi p/o, tal-Mirakli, N.Cottoner, Sant' Andrija Sqaq Nru. 1, Triq Ramiro Barbaro, Kbira, Triq bla isem fi Triq il-Gudja, Triq bla isem fil-limiti Ta' Faqqani, Trejqa Dun Gulju Muscat, Triq San Tumas & Triq Hal Qormi, Triq Wied in-Noqor, Triq Valletta, Triq bla isem fi Vjal l-Avjazzjoni, Triq l-Ingiered, Vjal l-Avjazzjoni, Triq Gorg Zahra p/o Triq L-iskola p/o Triq l-Ahwa Vassallo, Triq Gorg Zahra p/o Indri Micallef p/o Triq Wigi Briffa, Triq p/o Triq Wigi Briffa, Triq l-Iskola, Triq Id-Disgha ta' April, Triq Il-Gdida, Triq San Vincenz De Paul, Triq fi Triq Hal Farrug, Triq Dun Pawl, Triq l-Ewwel Titjira, Triq it-Tigrija, Triq Dicembru 13, Triq Aldo Moro, Triq il-Labour, Giuseppe Garibaldi, Santa Lucija, Triq Isouard, Triq il-Marsa, Triq il-Haddiem, Triq Aldo Moro, Gvern Lokali, Triq il-Labour, Triq Marsa/Hamrun Bypass, Triq il-Gerrejja p/o, Triq Hal Qormi, Triq Garibaldi Behind Factories, Triq Il-Moll tal-Braken / Il-Moll tal-Pont / Il-Moll tal-Hatab, Triq is-Serkin, Triq Skarpell, Triq Ta' Rumi, Triq Limiti tat-Torri ta' Triq il-Wieghsa, Triq Torri Mamo, Triq il-Btieti, Triq il-Vjola, Triq Thomas Ashby, Triq il-Buttar, Triq Gdida fi Triq il-Buttar, Triq iz-Zinzell, Triq Il-Qaliet, Triq La Sengle, Triq San Gwakkin, Triq tal-Gardiel, Triq ir-Ridott p/o, Triq San Nikola, Diviza Kostali, Xatt il-Batterija ta' Rihama, Triq 8 ta' Mejju, Triq It-Torri, Road off Triq Dellimara to Peter, Triq bla isem fi Triq Delimara, Triq il-Kavallerizza, Triq il-Patrijiet Terezjani, Triq Tas-Silg T/G fi Part B, Triq Duncan, Triq Tas-Silg T/G fi part A, Triq il-Kajjik/ Triq ic-Cippi, Triq Forti Delimara & il-Fanal Delimara, Sqaq Urbella, Triq bla isem fi area iz-Zebbug, Triq Xrobb l-Ghagin, Triq Alternate rural route for Delimara, Triq l-Gholjiet ta' Guno, Triq Santa Katerina, il-Wilga, Triq Delimara, Triq bla isem fi Triq l-Infetti, Triq ta' Wara is-Sur, Triq Unknown, Triq Ghajn Tuffieha, Triq San Pawl il-Bahar, Triq Ghajn Tuffieha, Triq Il-Palma, Triq Il-Wilga, Triq L-Armier Iz-Zghir, Triq Louis Wettinger, Triq il-Marfa, Triq bla isem fi Triq il-Mellieha, Triq il-Mellieha, Triq tad-Dahar (Torri l-Ahmar), Triq ir-Ramla tat-Torri l-Abjad, Triq ir-Ramla tal-Bir, Dawret it-Tunnara, Triq Ghar u Casa, Triq it-Tgham, Triq Madre Tereza, Triq Ras il-Gebel, Triq Gnien Ghajn Dwieli, Triq San Pietru n/s, Triq ir-Rih tal-Barriera, Land at Sqaq nru.1 in Triq il-Palma, Triq San Filippu, Triq Dun Guzeppi Micallef, Triq Tat-Taqsisa, Trejqa tal-Qala, Triq tal-Haddedin, Sqaq Trejqet it-Tafal ta' San Gwann, Triq Profs David H Trump, Triq bla isem fi Triq is-Santi, Triq fi Triq Limit tal-Lippija, Triq is-Sebbieh, Triq l-Imgarr, p/o Triq Sir Temi Zammit, p/o Triq iz-Zebbiegh (Mgarr), Triq is-Santi, Triq iz-Zebbiegh, Triq P/o Bingemma, Triq Fomm ir-Rih, Limiti ta' Santi, Triq Ghajn Tuffieha, Triq bla isem fi Triq Ghajn Tuffieha, Triq Lazzru Pisani, Triq il-Lellux, Triq Fisher - Il-Kbira, Triq bla isem fil-limiti ta' Halqun, Triq San Isidoru, Triq il-Fuhhar l-Ahmar, Triq l-Ghansar p/o, Ras il-Wied, Triq id-Dahar, Triq il-Hawlija, Triq bla isem fi Triq Temi Zammit, Triq bla isem Limiti ta' Fomm ir-Rih, Triq ix-Xaghra tal-Knisja, Triq San Filippu, is-Centinarju, Triq p/o Triq Barbara, Triq ir-Rumani, Triq is-Snajja, Triq Tal-Milord, Triq bla isem fl-inhawi Tal-Qolla, Triq il-Bdiewa, Triq il-Bdoti, Triq il-Familja Cumbo, Triq Ta' Vnezja, Triq bla isem

fil-Bidnija, Triq il-Parjan, Triq it-Tahhan, Triq Tal-Wej, Triq Dun Karm Schembri, Triq Wied Is-Sir, Triq Kumbu, Triq il-Ballata, Triq San Silvestru, Triq Alofju Wignacourt , Triq il-Qares, Triq Dawret il-Wied , Triq Il-Bdiewa Sqaq Nru. 4, Triq bla isem fi Triq San Pawl Tal-Qliegha, Triq Il-Bidnija, Triq il-Kostituzzjoni, Triq il-Baqqunier, Triq San Pawl Tal-Qliegha, Triq tas-Sriedek, Triq Ruzar Briffa, Triq Durumblat, Sqaq Madre Maria Teresa Spinelli, Triq bla isem qrib Triq il-Bdiewa, Triq il-Bergamott, Triq il-Fuhhar, Triq il-Farinal, Triq Burmarrad, Triq il-Bidnija u Vjal Millbrae, Triq bla isem bejn Triq L-Imgarr u Triq Il-Bidnija, Triq il-Kbira, Triq il-Garrier, Triq Gio C Dei Marchesi Mallia Tabone, Triq l-Assambea Nazzjonali, Triq in-Naqqax, Triq il-Bennej, Triq il-Leggenda, Triq Sagra Familja, Triq Patri Guze Delia, Triq ir-Rebbiegha, Triq il-Lunzjata, Triq Rafel Caruana Dingli c/w Triq Darmanin, Triq l-Inkurunazzjoni p/o, Triq Xatba l-Hamra, Sqaq Tas-Sejba, Triq Hal Farrug, Sqaq Tas-Serer, Triq Gdida fi Triq Innocenzju, Sqaq Buhar, Triq It-Torri Vincenti, Triq tal-Isqof, Triq il-Familja Brancati, Sqaq Nru.5 fi Triq il-Parrocca, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq George Martin, Sqaq Nru.1 fi Triq is-Sejba, Sqaq bla isem fi Triq is-Sejba, Triq biswit ic-Cimiterju, Triq iz-Zurrieq, Triq ir-Robba , Sqaq Nru 2, Triq Valletta, Triq Regjonali, Trejqa Ta' Boxbox, Triq Gwann Mamo, Triq is-Snajja, Triq Giorgio Mitrovich, Triq is-Sarg, Triq it-Torri, Triq tal-Qroqq, Triq Nazju Falzon, Triq ta' Bieb it-Torri, Triq Santa Venera, Triq il-Kunzar p/o, Triq it-Torri p/o, Triq bla isem fi Triq Conti S. Manduca, Triq San Onswald, Triq il-Maqdes Ruman, Triq Proserpina, Triq In-Narcis, Il-Pepprin, Il-Qronfol, Il-Gilju, Il-Gizi, Sqaq San Alessi, Triq Il-Konti Salvatore Manduca, Triq Joseph S. Calleja, Triq Frans Galea, Triq ir-Razzett l-Ahmar, Triq il-Kavallier Vincenzo Bonello, Triq Mikiel Fsadni, Triq Gdida fi Triq L-Imtarfa, Various Parking proposals , Triq San David, Triq San Alessi, Triq Gdida fi Triq il-Gharghur, Triq il-Fortizza tal-Mosta, Triq John Ayde, Triq Il-Kostinjus, Triq Burmarrad (B), Triq John Ayde, Triq Il-Prinjol, ta' Qadi, Sqaq Brimbu, Sqaq Il-Maghtab, Triq bla isem fi Triq l-Imdawra No.2, Triq Habel Gendus, Vjal Gdida fi Triq il-Labour, Triq il-Parrocca, Vjal Il-Labour, Triq ix-Xbiek N/S in, Triq bla isem fi Sqaq Habel Zwejra, Triq bla isem fi Triq tal-Imdawra, Triq Francis Attard, Triq Margaret A. Murray & Triq Andrea Debono, Triq il-Forga p/o, Trejqet L-irziezet, Triq il-Mazza, Triq Spanja, Triq il-Mithna, Triq il-Brazil, Triq ic-Cili, Triq Cipru, Triq Gibilta, Triq il-Libja, Triq il-Marokk, Triq Korfu, Triq l-Argentina , Triq il-Germanja, Triq it-Tuffieh, Triq San Frangisk t' Assisi, Triq l-Oqbra ta' Hawwat, Triq il-Kappella ta' Santa Marija, Triq it-Telgha ta' Alla u Ommu, Triq limiti tal-Qadi, Triq il-Gellewz, Triq Jean Houel, Andrea Debono, Maragaret A. Murray, Triq il-Milizzja, Triq il-Berquq, Triq ic-Cirasa, Triq is-Sghajtar, Triq l-Ingilterra, Triq Il-Kappella ta' San Mikiel, Triq Hannewija , Triq Hal Luqa, Triq Kordin, Triq il-Principessa Marija, Triq Guzeppi Agius, Vjal Santa Lucija, Triq Sammat, Triq ic-Cimiterju , Triq ix-Xewk, Triq Maggie Moran & Guzeppi Agius, Triq Unamed road off triq Hal-Luqa, Triq il-Qalb ta' Gesu, Triq bla isem limiti ta' Kordin/Ras Hanzir, Triq Bormla, Triq Patri Serafin Zarb, Trejqet Patri Odorik Grima, Trejqet Giuseppe M. Letard, Trejqet Patri Pelagju Mifsud, Triq Burma, Triq Gabriele Henin , Triq Sir Adrian Dingli, Triq A.N.Z.A.C., Triq Falaise, Triq Juno, Triq Luigi Preziosi, Triq Mandalay, Triq Jum Pembroke, Triq Bice Mizzi Vassallo, Triq il-President Anton Buttigieg, Triq Santa Monika , Triq id-Duluri, Triq ix-Xatt, Triq l-Indipindenza, Sqaq Il-Qasba, Triq Tal-Hlas, Triq bla isem fi triq Wied is-Sewda, Triq l-Iljun, Triq Gorg Zammit, Triq Dun Gwann Cilia, Triq service road in Triq Il-Mithna, Triq L-Gharghar 1979, Triq il-Handaq p/o, Triq bla isem fi Triq Ghar Ram, Triq Il-Vitorja/ Bellic, Triq Wied il-Kbir, Triq l-Industrija, Triq bla isem fi Limiti tal-Handaq, Triq Angelo Borg, Triq it-Tapizzara, Triq l-Imdina (Southbound) , Triq Gharram, Triq p/o il-Poezija, Triq is-Sebh, Triq bla isem fi Triq tal-Handaq, Triq in-Nahal, Triq il-25 ta' Mejju, Triq bla isem fi Triq tal-Hlas, Triq Unamed Road off Triq tal-Handaq, Triq il-Harruba, Triq l-Isqof Despasquale, Triq bla isem fi Triq il-Belt Valletta, Triq Ta' San Niklaw (A), Triq bla isem fi Triq Hagar Qim, Sqaq Tal-Lhudija, Triq L-Gharix (B), Sqaq il-Mejda, Triq it-Tempesta, Triq Works fi Triq bla isem fic/w Triq Hagar Qim, Triq Hal-Lew, Triq Sant' Anna, Triq Ta' Muddejn, Sqaq bla isem fi triq c/w Triq ta' Muddejn, Triq is, Siggiewi, Triq bla isem fi Triq Buqana, Triq Gebel Ghomor p/o, Triq bla isem fi Triq Santa Katerina, Triq Buqana, Triq Triq Vitikulturisti, Triq Gorg Borg Olivier, Triq bla isem fi tas-Salib Area no.1, Triq Limiti tal-Gebel l-Abjad, Triq bla isem fi Mithna Ta' Laroka limits of Buskett, Triq Tal-Merhliet (Part B), Sqaq Alleys in Triq Wied l-Isqof, Triq Tal-Virtu' (A), Triq Tal-Virtu' (B), Triq bla isem fi Triq tal-Virtu', Triq Wied Rini, Triq bla isem fi Kuncizzjoni area (A), Triq Gebel Ghomor (Limits of Ghemmieri), Triq bla isem fi ix-Xaghra tax-Xini area (A), Triq Tal-Lunzjata - Phase 2, Triq bla isem fi Triq il-Gargir, Triq Gebel Ghomor (Limits of Ghemmieri) Phase 2, Triq bla isem fi tas-Salib area no.2, Triq bla isem fi ix-Xaghra ta' Xini area (B), Triq Limiti tad-Dwejra, Triq Tat-Targa, Trejqet Il-Profs. V. Griffiths, Triq Limits of St.Paul's fireworks factory, Triq bla isem fi Kuncizzjoni area, Triq bla isem fi Triq ix-Xaghra tas-Sentini, Triq Limiti tar-Raba Nemel, Triq in Lunzjata Area, Triq Tal-Marga, Triq Wied iz-Zebbug, Triq Lunzjata (Phase 1), Triq il-Gargir and Triq Ghajn Kajjet, Triq Patri Tumas Xerri, Triq bla isem fi Triq il-Gargir, Triq Santa Katerina, Sqaq tal-Qlejha z-Zghira, Triq Nadur limiti tar-Rabat, Triq bla isem limiti tad-Dwejra, Triq Inguanez, Triq l-Gheriexem, Triq Santu Rokku, Triq Santa Rosa, Triq San Mikiel, Triq Various roads in the limit of the Church of the Nativity of the Virgin Mary, Triq limiti tal-Hofriet ir-Rizz, Triq Limiti tas-Salib, Triq bla isem minn Triq il-Kavallier Vincenzo Bonello to Triq Buqana, Triq Ghar id-Dwieb, Triq tal-Kuncizzjoni, Triq bla isem fi Triq tas-Santi, Triq Raddet ir-Roti, Triq tal-Qlajja, Trejqa fi Triq Wied il-Qlejja, Sqaq Fra Diegu, Triq Hal Tartani p/o, Triq Tal-Merhliet (Part A), Triq l-Iskultura, Triq Road Next to Dwejra lines, Triq bla isem fi Triq Ghar id-Dwieb, Sqaq tal-Blajjet,

Triq bla isem hdejn il-kappella tan-Nattivita, Triq Limiti tal-Qolla, Triq tal-Merhla - Migra Ferha, Triq Ferris, Triq Pawlu Iguanez, Triq fi Triq it-Tigrija, Sqaq il-Lewz, Triq San Pawl Kuntent, Triq hdejn tal-Mithna, Misrah Suffara limits of Rabat, Triq bla isem fi Cens l-Iswed & Wied Buzbiez Areas, Triq Ghar Barka, Triq Kola Xara, Triq Gnien Fieres, Triq San Gwann l-Ghammied, Triq bla isem fi Triq Ghar id-Dwieb, Vjal il-Haddiem to valley, Triq bla isem fi Xaghra ta' Girad, Mtahleb, Triq limit ta' Chadwick Lakes, Triq Ta' Serena, Triq Limiti ta' Lawrenti, Triq Fi Triq Hofra ta' Ritz, Triq Fi Triq Ta' Santi, Triq l-Irziezet tal-Imtahleb, Trejqet Xorbett, Triq Is-Salvja, Triq fil-Limiti tal-Wilga, Triq bla isem to Migra l-Ferha, Triq is-Sajf ta' San Martin, Triq ta' Qasgha, Triq Opposite Triq San Pawl Kuntent, Triq off Xaghra tal-Isqof (Phase A and Phase B) and Opp Verdala Palace, Buskett, Sqaq fi Triq tas-Salib, Triq it-Telgha tas-Saqqajja, Trejqet l-Ghemieri, Triq new street in Telgha tas-Saqqajja (Gigu), Triq fi Triq tal-Merhliet, Triq bla isem, Triq Bla isem fi Triq il-Blajjet, Triq San Aristarku , Triq Trofimu , Triq San Piju V, Triq San Mikiel , Trejqet Il-Gewz, Triq Hobbejza , Triq Dahlet id-Dejr , Triq bla isem qrib Airport, Triq bla isem fil-limiti ta Hlantun (Phase 1), Sqaq Next to Gnien Alexander Ball, Triq Il-Kuccard, Triq Il-Punici, Triq it-Tellerit, Triq San Gwann, Sqaq ta' Bieb il-Garra, Triq Salvu Cauchi, Triq bla isem fi Triq Michelangelo Borg, Triq Lapsi, Triq Gdida fi Triq Albert Mayr, Triq Wied Il-Ghomor, Sqaq Fabri, Triq Hans Stumme, Triq ix-Xatt ta' Spinola, Triq Ta' Giorni, Triq Mikiel Anton Vassalli, Triq Bertha K. IL.G., Triq Sir Joseph Carbone, Triq William Prescott, Triq Mikiel Anton Vassalli, Triq G. Despott, Triq Tal-Balal, Triq ic-Cawsli, Triq il-Gojjin, Triq Wied Ghollieqa p/o, Triq il-Mensija, Triq Prepostu, Triq Ta' Zwejt, Triq Pawlu Galea, Triq Tal-Balal, Triq Mikiel Anton Vassalli, Triq is-Seqer, Triq road between Triq Taz-Zwejt and Triq Sir Anthony Mamo (San Gwann Industrial Estate), Triq Burmarrad (A), Triq bla isem fi Triq Busewdien, Triq il-Kahli, Triq l-Iskuna parti minn, Triq l-Istamnar, Triq Nicola Ardonio, Triq Giuseppe Despott, Triq Port Ruman & parti minn Triq Annetto Caruana, Triq It-Turisti, Triq Ghawdex, Triq Il-Luzzu , Triq Il-Knisja, Triq n/s in Triq J Quintinus, Triq l-Indipendenza, Triq Ghajn Rihana, Triq tal-Hzejjen, Triq San Pawl il-Bahar, Triq bla isem fi Triq Burmarrad, Triq is-Simar, Triq Burmarrad , Triq bla isem fi Triq L-Imdawra No.3, Triq at Wied ta' Ghajn Mula, Triq il-Qawra, Triq il-ballut, Triq fi Triq il-Wardija, Triq Triq il-Port Ruman p/o, Triq Wied Qannotta, Triq il-Lampuki, Triq Tal-Katidral, Dawret San Pawl , Triq il-Gardenja, Triq iz-Znuber, Triq il-Gizimin, Triq Katerina Vitale, Triq p/o Triq Klematis , Triq il-Prinjoli, Triq Dun M Mifsud , Triq l-Istefanotis, Triq Dawret it-Torri , Triq Brighella, Triq il-Blata l-Kahla, Triq il-Brunzar, Triq il-Kardinal Sciberras, Triq Abela, Vjal ir-Royal Malta Artillary, slip road to Santa Venera Tunnels, Triq il-Kanonku Bonnici, Triq Adelaide Cini, Triq Batterija, Triq Erbgha ta' Settembru 1918, Triq fi Triq it-Tigrija, Triq ix-Xaghra tal-Gzira u ta' Ghar Lapsi, Triq bla isem the ex runaway in San Niklaw area, Triq bla isem fi Triq San Niklaw, Sqaq bla isem fi Road Limiti tal-Buskett, Triq Manduka, Triq Tal-Ghaqba, near Sqaq it Twil, Triq bla isem off Triq San Lawrenz tal-Gholja , Triq bla isem fi Trejqa tal-Providenza, Triq New street off Triq inzul ix-Xemx, Triq Il-Fawwara, Triq Wied Hesri, Triq Wied Xkora, Triq bla isem fi Triq is-Siggiewi, Triq bla isem fi Triq Hal Farrug, Triq bla isem fi Triq Bur ix-Xewk, Triq fi Triq Lawrenti, Triq tal-Ghajn il-Kbira, Triq bla isem fi triq San Niklaw Area (A), Triq Bur Ix-Xewk, Triq Wied tal-Lewza, Triq Taz-Ziri, Sqaq Il-Fawwara, Sqaq Tal-Handaq, Triq tal-Providenza, Triq Nikol Azzopardi, Triq bla isem fil-limiti ta Buskett, Triq bla isem fil-Hofra, tal-Lenza area, Sqaq Tan-Nadur, Triq il-Lewza p/o, Triq bla isem fil-Kappella tal-Madonna tal-Providenza, Triq bla isem fi Triq Limiti tal-Buskett, Triq bla isem fil-limiti ta San Niklaw no.2, Triq San Lawrenz tal-Gholja, Sqaq bla isem fi Triq San Lawrenz tal-Gholja No.3, Sqaq iz-Zebbieh, Triq Ghar Lapsi (Tal-providenza) , Triq Nicolo Baldacchino p/o, Triq bla isem fi Ta' Niklaw Area (B), Triq Ta' Bur ix-Xewk, Triq Ta' Srug, Triq Ta' Bellu, Triq Road limits of ta' San Niklaw, Triq ta' Djar Il-Baqar, Triq Triq Limiti ta' Bur Bagar, Triq Ta' Karlozzu, Triq ta' Lawrenti, Sqaq Ta' Nghajsa c/w Triq il-Fawwara , Triq Ta' Bur il-Kbir, Triq limiti ta' Wied Musa and ta, Triq bla isem limiti ta' Xaqqa, Triq ta' Zmetta, Triq San Nikola, il-Parrocca, Triq gdida fi Moghdija ta' Fuq Djar il-Baqar, Triq Bur it-Tokk, Triq f' Wied Hesri, Triq fi Triq ta' Bellu, Trejqet Sant' Andrija, Triq Manwel Dimech, Triq Sir Arturo Mercieca, Triq Sant Elena, Triq Viani, Triq il-Kurunell Savona, Triq Sant' Andrija, Triq bla Isem bejn Triq is-Slielem u Triq Zejni, Triq ir-Ratal, Triq it-Tomna, Triq il-Kejla p/o, Triq il-Giebja, Triq it-Tiben, Triq l-Ortensja, St. Andrews Police Compound, Triq Josef Kalleya, Triq Tal-Franciz, Triq il-Markiz J. Scicluna, Triq is-Sidra, Triq il-Gizimin p/o, Triq l-Iskwerra, Vjal Sir Temi Zammit, Triq L-Imradd, Triq Abate Rigord, Triq Santa Marija (Part 2), Triq Santa Marija (Part 1), Triq Service road in Triq tal-Barrani, Triq L-Isqajjaq, Sqaq ix-Xintill, Triq it-Tabib Jimmy Farrugia, Triq Marjanu Gerada, Triq Paola, Triq is-Sorijiet, Triq p/o Guzeppi Montebello, Triq Francesco Crispi and p/o Triq San Anard (service road), Triq Moyra Mintoff, Vjal Simmons, p/o Triq Birzebbuga, p/o Triq il-Knisja, Triq Santu Wistin, Triq il-Lampuka, Triq it-Tarzna, Triq Manuel Buhagiar, Triq ix-Xintill , Triq l-Ifran, Triq San Duminku, Triq po Triq San Pawl & po Triq L-Arcisqof, Triq il-Lvant, Triq is-Sur ta Santa Barbara, Triq San Kristofru, Triq il-Merkanti & p/o Triq it-Tramuntana, Sqaq L-Arkati, Triq il-Fortizza tal-Grazzja, Triq l-Iskola, Dwardu Ellul, Triq l-Isponott, Triq it-Tumbrell, Triq Lapsi, Triq il-Mulett, Triq Orlando Zabbar, it-Torri ta' Alof De Wignacourt, Triq il-Fikus, Triq il-Gizimina, Triq Salvu Darmanin, Triq bla isem fi Triq San Guzepp, Trejqet San Frangisk, Triq bla isem fi Triq San Guzepp No.2, Triq is-Serer, Triq in-Nahla, Triq Francis X. Attard, Triq ir-Rand, Triq in-Newl p/o, Triq Hadd in-Nies p/o, Triq p/o Triq ic-Cimiterju , Triq il-Luq, Triq San Leonardu, Triq Renato Agius Muscat, Triq Corrado , Triq il-Figel , Triq il-Qaqocc, Triq il-Bajada, Triq L-iskola, Triq Bieb is-Sultan, n/s in Triq is-Sahhara, Triq Alessio Erardi ,

Sqaq San Frangisk, Triq ix-Xghajra, Sqaq fi Triq Villabate, Triq fi Triq San Leonardu, Triq A. Caligari, Triq Strickland, San Gorg Preca, Triq Spadaro, Triq il-Madaffa , Triq Zabrella , Triq iz-Zarzarell , Triq id-Dliela , Triq il-Bahrija , Triq il-Werzieq , Triq in-Nissieg , Triq l-Ghasir, Triq Ir-Remel, Triq bla isem fi Triq Gianpula, Triq Wied is-Sewda (A), Triq Wied is-Sewda (B), Triq L-Ghaqba, Triq Hal-Mula, Triq Hal-Mula, Triq tal-Ghaqba, Triq Mro. Frank Galea, Triq Hali, Triq J. P. Vassallo, Triq Luigi Fontana, Triq il-Princep Baziliku, Triq Pawlu Debono, Triq Andrea Bogdan, Triq il-Qamh, Triq next to Victoria Shooting Range, Triq Wied is-Sewda, Triq Ir-Remel, Triq It-Troll, Triq ix-Xghir, Triq Batu, p/o Triq Santa Marija, Triq Hal Sajd, Triq il-Madonna & p/o Triq Sidtna tal-Angli, Triq Il-Wied Boqqiegha fi Triq il-Gandlora, Triq L-Iskalora, Triq Ka
rlu Gimach, p/o Triq il-Grazzji, Triq il-Kacca, Triq Mons. Anton Cilia, Triq il-Hlewwa, Trejqa tas-Saqwi, Triq il-Professur Anthony ¯ammit, Triq L-Imdina Zebbug (bypass), Triq Wied Gandlora, Triq Insig, Triq Emmanuel Cilia, Triq Ambroġ Buttiġieġ, Triq Wied Qirda p/o Triq l-Indipendenza, Hajt Laringu, Triq bla isem fi Triq Dun Mikiel Xerri, Triq bla isem fi Triq Ta' Trapna, Triq Lord Gort, Triq Mula, Triq Angelo Melilli, Triq San Martin u Sqaq Nru. 2 fi Triq San Martin, Triq Sciortino p/o, Triq Wied ta' Sant, Triq fi Triq H' Attard, Triq fi Triq it-Tnax ta' Mejju, Sqaq fi triq 12 ta' Mejju, Trejqet l-Ghollieq, , Triq Mamo, Triq Dun Mikelang Sapiano, Triq Ganni Cilia, Sqaq Nru. 4 fi Triq Hal Dwieli, Triq Mdina, Triq il-Fraxxnu, Sqaq fi Triq il-Buskett, Triq Michael Debono, Triq l-Imdina - Service Road, Triq Luret Cutajar, Wied Baqqiegha, Triq Adeodato Gatt p/o u p/o Triq Frans Sammut, Triq bla isem fi kantuniera ma’ Triq ta' Qenc , Triq it-Twila, Profs Wallace Gulia, Triq l-Imdina (Zebbug Bypass) , Triq Il-Kotob, Santu Kristu, Triq Xrobb l-Ghagin (A), Sqaq Nru. 3 fi Triq Strenju, Sqaq tal-Usif Nru. 2, Sqaq numru 5 in Triq Xrobb l-Ghagin, Triq bla isem fi Triq tal-Barrani, Sqaq Tal-Barrani no.2, Sqaq Nru 2 fi Triq Haz-Zabbar, Triq E Attard Bezzina , Triq Bugharbiel, Triq il-Faqqus, Triq Toni Zahra, Triq Dwiemes p/o, Triq Taltas, Triq il-President Anton Buttigieg, Sqaq Nru. 2 fi Triq il-President Anton Buttigieg, Triq id-Dahla ta' San Tumas, Vjal il-Hamsa u Ghoxrin ta' Novembru, Triq p/o Triq il-Kamumilla, Ta' Ganza Area , Triq Santa Fawstina, Triq Giebja Rumana, Tursin il-Bir, Misrah is-Suq , Triq San Guzepp, Triq San Porfirju, Triq San Piju X, Triq Beland, Triq Santa Monika, Santa Fawstina, Triq Connaught , Triq il-Kantur, Triq wied ganu phase B, Triq bla isem fi Triq il-Wardija, Triq bla isem fi Triq Hal Far No. 2, Triq Benghisa, Hal Far, Triq Santa Katerina tal-Baqqari, Triq Wied Fulija (Phase 1), Triq Benghisa, Hal Far, Sqaq Ballott, Triq Triq Hlantun to Hal Far, Triq bla isem fi Triq Hal Far in Zurrieq No.1, Sqaq Barcellona, Triq l-Gherien, Triq San Martin, Triq Sant Agata Triq Gdida fi, Triq Sant Agata, Sqaq San Tumas, Triq Hlantun (Phase 2), Limiti Sqaq, Triq E. Grech, Triq Il-Wardija, Triq bla isem fir Triq il-Belt Valletta, Triq Wied Fulija, Sqaq Sejduna, Triq Tal-Buqan, Sqaq Limiti ta Lanza, Sqaq il-Wahx, Triq bla isem fi Triq il-Wardija, Triq il-Qroll p/o, Antonia Farrugia, Triq Wied Ganu, Triq il-Qortin, Triq Limiti ta' Wied Ganu (Phase A), Triq Zaccaria Roncali, Triq San Gorg Preca, Triq Hal Millieri, Triq Gdida fi Triq Wied Fulija, Sqaq ir-Rikka.

Seduta 89
14/02/2023

**GREEN WALLS – RENDIKONT TAL-INFIQ**

**6111. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tagħti rendikont tan-nefqa fuq il-green walls li saru u tgħid kemm-il darba kien hemm il-bżonn illi jinbidlu xi qsari b'mod rispettiv għal kull green wall illi sar?

06/02/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Ambjent Malta iffinanzjat il-green walls, inkluż ħames snin manutenzjoni, fil-lokalitajiet imsemmija hawn taħt:

- Mosta Technopark €128,686.59
- Marsa Industrial Estate €305,556.59
- Kordin Industrial Estate €162,773.79
- Marsa/Hamrun Bypass €478,858.10
- Floriana €13,200.00
- Ħamrun €15,150.00
- Żebbuġ €28,250.00
- St.Thomas Moore School €12,414.00

Infurmata wkoll li dwar il-greenwall li hemm f’Raħal Ġdid, dan sar b’investiment ta’ €30,0000. Ambjent Malta għamlet il-moniteraġġ ta’ dan il-greenwall għall-ewwel 6 xhur mit-tħawwil tal-pjanti u l-proġett issa huwa f’idejn il-kunsill Lokali ta’ Raħal Ġdid li huwa responsabbli miż-żamma tiegħu.

Il-pjanti li bihom huma mgħammra dawn il-green walls mhumiex pjanti staġjonali u jinbidlu bis skond in-neċessitajiet fosthom mard jew mewt tal-pjanta rispettiva.

Seduta 89
14/02/2023

**SKIPS U BINS ON WHEELS**

**6112. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk għandhiex il-ħsieb illi l-iskips u l-bins on wheels ma jibqgħux permissibbli fit-toroq tagħna?

06/02/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li skont ir-Regolamenti dwar l-Iskart (L.S. 549.63), kull Kunsill Lokali huwa obbligat li għal kull elfejn abitant tal-lokalità, jalloka spazju għal Recycling Point, u dan sabiex ikun hemm aktar separazzjoni tal-iskart fil-komunità. Barra minn hekk, taħt ir-Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi (L.S. 549.40) jistgħu jiġu awtorizzati laned taż-żibel jew reċipjenti konvenjenti għad-depożitu tal-iskart ħdejn stabbilimenti kummerċjali. Dawn ir-regolamenti m'hemmx ħsieb li jinbidlu.
Seduta 89
14/02/2023

**SKEMA TAL-BCRS - KONSUM TA' FLIEXKEN – ĦLAS TA' GĦAXAR ĊENTEŻMI**

**6113. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Dwar l-iskema tal-BCRS, tista' l-Ministru tgħid jekk huwiex permessibbli li jekk flixkun li jaqa' fl-iskema tal-BCRS jiġi kkonsmat fil-post fejn inxtara, hemmx lok li jkun hemm xorta t-talba għall-ħlas tal-għaxar ċenteżmi?

06/02/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-liġi tal-Beverage Container Recycling tagħmilha ċara li m'għandu jkun hemm l-ebda ħlas tad-depożitu jekk ix-xorb ikun ikkonsmat fl-istabbiliment tal-catering. L-ammont jitħallas biss jekk il-konsumatur ikun xtara x-xorb għall-konsum barra mill-istabbiliment (take away) u għalhekk ikun ħa l-kontenitur miegħu.

Seduta 89
14/02/2023

**KUNSILLI LOKALI – IMPJEGATI – ĦLAS TA' SAHRA JEW TIME IN LIEU**

**6114. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid għal kull Gvern Lokali, b'mod rispettiv, kemm-il persuna ngħatat ħlas għal overtime jew time *in lieu* għal kull sena mis-sena 2013 sal-lum, filwaqt li jiġi indikat l-ammont addizzjonali mħallas għall-overtime?

06/02/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi biex tinġabar l-informazzjoni, kif mitlub, taqbeż l-Advisory Cost Limit.

Seduta 89
14/02/2023

**SENTENCING POLICY ADVISORY BOARD – MEMBRI**

**6154. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid, mis-sena 2015 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, min kienu l-persuni li ġew maħtura bħala membri tal-Bord Konsultattiv għall-Politika dwar l-Għoti tas-Sentenzi (Sentencing Policy Advisory Board)? Jista' jgħid għal kull wieħed mill-membri meta ġie maħtur u minn min ġie maħtur?

06/02/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninsab infurmat li dan il-Bord kien ġie maħtur skont l-artikolu 9 tal-Att Dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament Mhux Priġinerija), Kap. 537.

Qed inpoġġi fuq l-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba dwar l-membri ta' dan il-bord minn meta ġie maħtur sal-lum.

Seduta 89
14/02/2023

**SENTENCING POLICY ADVISORY BOARD – LAQGĦAT**

**6155. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid, mis-sena 2015 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm-il laqgħa saret tal-Bord Konsultattiv għall-Politika dwar l-Għoti tas-Sentenzi (Sentencing Policy Advisory Board)? Jista' l-Ministru jagħti d-dati ta' meta saret kull laqgħa u jindika l-membri tal-Bord u persuni oħra li kienu preżenti u/jew assenti għal kull waħda mil-laqgħat?

06/02/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninsab infurmat li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 89
14/02/2023

**SENTENCING POLICY ADVISORY BOARD – ESTENSJONI TAL-KOMPETENZI TAL-BORD**

**6156. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid, mis-sena 2015 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm-il darba u meta kkonsulta mal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja biex jestendi l-kompetenza tal-Bord Konsultattiv għall-Politika dwar l-Għoti tas-Sentenzi (Sentencing Policy Advisory Board)?

06/02/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninsab infurmat li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 89
14/02/2023

**PERSUNI AKKUŻATI B'OMIĊIDJU VOLONTARJU**

**6160. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid fil-preżent kemm-il persuna tinsab akkużata bir-reat ta' omiċidju volontarju quddiem il-qrati ta' pajjiżna?

06/02/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sad-9 ta' Frar 2023 quddiem il-Qrati ta' pajjiżna kien hemm 54 persuna akkużata bir-reat ta' omiċidju volontarju.

Seduta 89
14/02/2023

**PERSUNI AKKUŻATI B'OFFIŻA GRAVI FUQ IL-PERSUNA**

**6161. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid fil-preżent kemm-il persuna tinsab akkużata bir-reat ta' offiża gravi fuq il-persuna quddiem il-qrati ta' pajjiżna?

06/02/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sad-9 ta' Frar 2023 quddiem il-Qrati ta' pajjiżna kien hemm 339 persuna akkużata bir-reat ta' offiża gravi fuq il-persuna.

Seduta 89
14/02/2023

**PERSUNI AKKUŻATI B'OFFIŻA ĦAFIFA FUQ IL-PERSUNA**

**6162. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid fil-preżent kemm-il persuna tinsab akkużata bir-reat ta' offiża ħafifa fuq il-persuna quddiem il-qrati ta' pajjiżna?

06/02/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sad-9 ta' Frar 2023 quddiem il-Qrati ta' pajjiżna kien hemm 48 akkużati b'offiża ħafifa fuq il-persuna. Dawn in-numri jirrigwardaw l-akkużi fil-kumpilazzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, peress illi r-reat ta' offiza ħafifa huwa ta' kompetenza ordinarja, il-kawżi li huma tad-distrett mhumiex inklużi f'din l-istatistika stante li l-Aġenzija ma żżomx statistika tal-imputazzjonijiet fil-kawżi ta' kompetenza ordinarja tal-Qorti tal-Maġistrati.

Seduta 89
14/02/2023

**KOMPETIZZJONI TA' SUMMIEN**

**6171. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid x'azzjonijiet ħa dwar kompetizzjoni li seħħet nhar is-Sibt, 4 ta' Frar 2023, fejn għadd ta' summien li ġew imfaqqsa u trabbew fil-magħluq, ġew mitluqin u numru ta' kaċċaturi flimkien mal-klieb tagħhom setgħu joqtluhom? Jista' jispjega kif din l-attività setgħet issir ladarba l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kap. 439 tal-Liġijiet ta' Malta, speċifikament jipprojbixxi dan u jsostni dan li ġej:

"8.(2) L-ebda annimal m'għandu jiġi mġiegħel isofri uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn jew jiġi soġġett għal attivitajiet li ma jkunux fin-natura tiegħu. L-ebda annimal ma jista' jiġi abbandunat.".

Jista' jgħid din il-kompetizzjoni kif setgħet tiġi aċċettata li ssir jekk dawk is-summien ġew mitluqa u abbandunati?

06/02/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lil-Onor. Interpellant li din l-attività mhijiex regolata bid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, iżda hi regolata taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u għalhekk għandha tiġi riferuta lill-Ministru responsabbli.

Seduta 89
14/02/2023

**STATISTIKA DWAR ĦLAS TA' KONTIJIET TAD-DAWL U TAL-ILMA**

**6172. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 4629 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4315, nispeċifika li bil-kelma "kontijiet" kont qed nifhem Accounts (meters) differenti u mhux kull invoice li tinħareġ kull xahrejn. Fi kliem sempliċi, tista' l-Ministru tagħti informazzjoni li turi kemm hemm numru ta' Residenzi, Meters Domestiċi, u Meters Industrijali, li l-konsum tagħhom annwali jaqa' f'kull waħda mill-brackets, u l-brackets ikunu skalati għal kull €500 sakemm jibqa' jagħmel sens?

07/02/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Qiegħda npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra t-tabella bl-informazzjoni mitluba.

Seduta 89

14/02/2023

**KAWŻI TA' MWIET F'MALTA**

**6173. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5044 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3341, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jippubblika l-istess statistika għas-sena 2021?

07/02/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa qegħdin jinħadmu s-snin 2021 u 2022 u l-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 89
14/02/2023

**IR-RABAT – PROVVISTA TAL-ELETTRIKU FIN-NAĦA TAL-WIED TAL-ISQOF**

**6174. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 5046 u tara li tiġi riżolta l-problema tal-provvista tal-elettriku fin-naħa tal-Wied tal-Isqof, limiti Tal-Virtù, Rabat, minħabba li r-residenti qed ibatu b'vultaġġ jitla' u jinżel sal-punt li jikkawżalhom ħsarat fl-appliances? Tista' tagħti indikazzjoni meta hu ppjanat li din il-problema tissolva?

07/02/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li lill-Enemalta ma jirriżultalhiex li fl-inħawi msemmija hemm problemi ta' vultaġġ. Jekk ningħatha dettalji iżjed preċiżi ta' liema residenza qed ikollha problemi nkun nista' ngħaddi l-każ lill-Enemalta sabiex tinvestiga fid-dettall.

Seduta 89
14/02/2023

**SERVIZZ MEDIKU U TAS-SAĦĦA - PATIENT'S CHARTER**

**6183. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'effett kellu l-*Patient's Charter* fuq is-servizz mediku u tas-saħħa f'pajjiżna?

07/02/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tispeċifika għal liema effett qed tirreferi.

Seduta 89
14/02/2023

**PATIENT'S CHARTER**

**6184. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid min hi l-persuna u/jew id-dipartiment responsabbli mill-*Patient's Charter* f'pajjiżna?

07/02/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-Director General tal-Health Services huwa responsabbli mill-*Patient's Charter*.

Seduta 89
14/02/2023

**KLINIĊI TAS-SERVIZZI TAS-SAĦĦA U/JEW SPTARIJIET PRIVATI**

**6185. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hawn kliniċi tas-servizzi tas-saħħa u/jew sptarijiet privati reġistrati f'pajjiżna?

07/02/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm 215-il klinika tas-servizzi tas-saħħa u/jew sptarijiet privati reġistrati f'pajjiżna kif tindika t-tabella t'hawn taħt.

| **Service Type** | **Private** |
|---|---|
| | |
| Private Medical Clinics | 6 |
| Acupuncture | 5 |
| Dental Clinics | 105 |
| Podiatry Clinics | 15 |
| Physiotherapy Clinics | 41 |
| Medical Diagnostic Labs | 8 |
| X-Ray Clinics | 10 |
| Mental Health Facilities | 16 |
| Hospitals | 4 |
| Long Term Facilities | 2 |
| Rehabilitation Hospitals | 1 |
| IVF Clinics | 2 |

Seduta 89
14/02/2023

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – LISTA TA' PROCUREMENT**

**6186. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5490 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-procurement KOLLU li għamel il-Ministeru għas-Saħħa mis-7 ta' Marzu 2020 (il-bidu tal-pandemija tal-COVID-19) sal-lum, u jinkludi l-isem ta' kull item, il-valur tal-procurement u mingħand liema kumpanija/entità nxtara?

07/02/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar u tingħata f'seduta oħra.

Seduta 89
14/02/2023

**BIRKIRKARA – TRIQ IN-NAXXAR – XOGĦLIJIET**

**6187. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid għaliex waqaf ix-xogħol fi Triq in-Naxxar, Birkirkara?

07/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol finali tal-asfalt u line markings fi Triq in-Naxxar, B'Kara hu previst li jkun lest sal-aħħar ta' Frar 2023, dejjem jekk it-temp jippermetti. Ix-xogħol kien jikkonsisti fi bdil ta' footpaths, installazjoni ta' linji ġodda ta' telekomunikazzjoni taħt l-art, trinek ġodda għall-provista tal-elettriku, installar ta' main lines ġodda tal-ilma potable u esegwiet tiswija neċessarja fis-soqfa tas-sistema tad-drenaġġ eżistenti kif ġie mitlub mill-entitajiet ikkonċernati.

Wara taħdidiet li saru bejn l-Aġenzija u s-sidien tal-ħwienet, intlaħaq ftehim sabiex ix-xogħol matul din il-medda jieqaf fix-xahar ta' Diċembru u jerġa' jibda f'Jannar biex b'hekk ikun hemm aċċess komdu għall-ħwienet fil-perjodu ta' festi.

Seduta 89
14/02/2023

**BIRKIRKARA – TRIQ IN-NAXXAR - ASFALTAR**

**6188. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta se jingħata l-aħħar saff ta' tarmak u meta se jispiċċaw ix-xogħlijiet kollha fi Triq in-Naxxar, Birkirkara? Jista' jgħid ukoll meta bdew dawn ix-xogħlijiet, x'tip ta' xogħol sar u x'ħoloq id-dewmien fix-xogħol?

07/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6187.

Seduta 89
14/02/2023

**BIRKIRKARA – TRIQ ĦAL QORMI – BOZOZ**

**6235. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid x'inhi r-raġuni li għaliha ma hemmx dawl fil-bozoz tal-inħawi ta' Triq Ħal Qormi f'Birkirkara? Tista' tgħid meta dan is-servizz se jkun qed jerġa' lura għan-normal?

07/02/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li fil-post inkwistjoni nstabet linja maqtugħa u din diġà ġiet irranġata mill-ħaddiema tal-Enemalta.

Seduta 89
14/02/2023

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI – SISTEMA TAL-BLOCKCERTS**

**6236. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Fir-rigward tal-kumpanija li qed tħaddem u topera s-sistema tal-Blockcerts li juża l-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (is-sistema li permezz tagħha l-istudenti jkunu ċċertifikati b'format diġitali), jista' l-Ministru jgħid:
a. jekk din kinitx magħżula b'direct order jew b'sejħa pubblika għal kull sena mis-sitt snin li ilha topera;
b. iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt;
ċ. kemm-il persuna timpjega f'Malta;

d. jekk il-Ministeru għandux rendikont ta' kemm-il student ippreżenta dan iċ-ċertifikat b'format diġitali biex applikaw għall-MCAST, għall-Junior College, għall-ITS u għall-Higħer Secondary għal kull istituzzjoni u għal kull sena u jekk iva, jagħti dan ir-rendikont u jekk le, jista' jgħid għala l-Ministeru m'għandux tali data?

07/02/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kumpanija ġiet magħżula permezz ta' Negotiated Procedure fl-2018. Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li fl-2020 l-assi tal-kumpanija nxtraw kollha minn kumpanija oħra. Kemm il-kuntratt oriġinali kif ukoll l-addendum tal-kumpanija l-ġdida qed jitpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra.
Rigward iċ-ċertifikati jiġux preżentati jew le, il-Ministeru ma jidħolx fil-mertu ta' fejn u meta jintużaw.

Seduta 89
14/02/2023

**L-IMĠARR – TOROQ LI NGĦATAW WIĊĊ ĠDID**

**6248. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il triq ingħatat wiċċ ġdid fl-Imġarr mill-2017 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

07/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta qed twettaq ħafna proġetti biex ittejjeb is-sigurezza u s-sostenibilità tas-sistema tat-toroq ewlenin, toħloq infrastruttura ta' kwalità u ambjent aħjar fit-toroq residenzjali f'kull lokalità u tibni mill-ġdid ukoll ħafna toroq sekondarji oħra, fosthom kilometri ta' toroq rurali fil-kampanja. Dan l-investiment qed iħalli l-frott mixtieq, b'diversi toroq residenzjali diġà mibnijin mill-ġdid u b'ħafna proġetti ta' titjib fit-toroq ewlenin tas-sistema tat-trasport bl-art f'pajjiżna.

Infrastructure Malta qiegħda tikkollabora mal-entitajiet rispettivi biex qabel ma jsir il-wiċċ tat-triq jiġu mtejbin jew mibdulin, skont ma jkun meħtieġ, is-sistemi tad-distribuzzjoni tas-servizzi li hemm għaddejjin minn taħt l-art, bħal pajpijiet tal-ilma, katusi tad-drenaġġ, spralli u pajpijiet għall-ilma tax-xita, cables tal-elettriku u pajpijiet għall-cables tal-Internet u servizzi oħrajn tat-telekomunikazzjoni.

Fil-lokalità tal-Imġarr, l-Aġenzija wettqet xogħol fi Triq San Filippu & Triq Sentinarju, triq ġdida fi Triq San Pietru, triq ġdida fi Triq l-Alwiza c/w Triq l-Ispika, p/o Misrah is-Sebbieh, p/o Triq Barbara, p/o Triq l-Ghansar, p/o Triq tat-Taqsisa, Triq tal-Haddedin, Trejqa tal-Qala, Part of Triq Bingemma, Sqaq Sant' Isidorju, Ta' Halqun area fi Ta' Santi, Trejqet it-Tafal ta' San Gwann, Triq Fisher, Triq il-Kbira, Triq Fomm ir-Rih, Triq Ghajn Tuffieha, Sqaq in-Nahal, Triq Gnien id-Dwieli, Triq id-Dahar, Triq il-Fuhhar l-Ahmar, Triq il-Hawlija, Triq iz-Zebbiegh , Triq Lazzru Pisani, Triq l-Imgarr , p/o Triq iz-Zebbigh (Mgarr Zebbiegh By-pass), p/o Triq Sir Temi Zammit, Triq Profs David H Trump, Triq Ras il-Gebel, Triq bla isem fil-limiti tal-Lippija, Triq bla isem fi Triq Fomm ir-Rih, Triq bla isem hdejn il-barriera fi Triq Temi Zammit.

Seduta 89
14/02/2023

**L-IMTARFA – TOROQ LI NGĦATAW WIĊĊ ĠDID**

**6249. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il triq ingħatat wiċċ ġdid fl-Imtarfa mill-2017 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

07/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta qed twettaq ħafna proġetti biex ittejjeb is-sigurezza u s-sostenibilità tas-sistema tat-toroq ewlenin, toħloq infrastruttura ta' kwalità u ambjent aħjar fit-toroq residenzjali f'kull lokalità u tibni mill-ġdid ukoll ħafna toroq sekondarji oħra, fosthom kilometri ta' toroq rurali fil-kampanja. Dan l-investiment qed iħalli l-frott mixtieq, b'diversi toroq residenzjali diġà mibnijin mill-ġdid u b'ħafna proġetti ta' titjib fit-toroq ewlenin tas-sistema tat-trasport bl-art f'pajjiżna.

Infrastructure Malta qiegħda tikkollabora mal-entitajiet rispettivi biex qabel ma jsir il-wiċċ tat-triq jiġu mtejbin jew mibdulin, skont ma jkun meħtieġ, is-sistemi tad-distribuzzjoni tas-servizzi li hemm għaddejjin minn taħt l-art, bħal pajpijiet tal-ilma, katusi tad-drenaġġ, spralli u pajpijiet għall-ilma tax-xita, cables tal-elettriku u pajpijiet għall-cables tal-Internet u servizzi oħrajn tat-telekomunikazzjoni.

Fil-lokalità tal-Imtarfa l-Aġenzija wettqet xogħol fi Triq Prosperpina, Triq San Oswald, Triq Alessi, Triq Il-Maqdes Ruman, Triq San David u Triq ta' Paroli.

Seduta 89
14/02/2023

**IL-BAĦRIJA – TOROQ LI NGĦATAW WIĊĊ ĠDID**

**6250. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il triq ingħatat wiċċ ġdid fil-Baħrija mill-2017 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

07/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta qed twettaq ħafna proġetti biex ittejjeb is-sigurezza u s-sostenibilità tas-sistema tat-toroq ewlenin, toħloq infrastruttura ta' kwalità u ambjent aħjar fit-toroq residenzjali f'kull lokalità u tibni mill-ġdid ukoll ħafna toroq sekondarji oħra, fosthom kilometri ta' toroq rurali fil-kampanja. Dan l-investiment qed iħalli l-frott mixtieq, b'diversi toroq residenzjali diġà mibnijin mill-ġdid u b'ħafna proġetti ta' titjib fit-toroq ewlenin tas-sistema tat-trasport bl-art f'pajjiżna.

Infrastructure Malta qiegħda tikkollabora mal-entitajiet rispettivi biex qabel ma jsir il-wiċċ tat-triq jiġu mtejbin jew mibdulin, skont ma jkun meħtieġ, is-sistemi tad-distribuzzjoni tas-servizzi li hemm għaddejjin minn taħt l-art, bħal pajpijiet tal-ilma, katusi tad-drenaġġ, spralli u pajpijiet għall-ilma tax-xita, cables tal-elettriku u pajpijiet għall-cables tal-Internet u servizzi oħrajn tat-telekomunikazzjoni.

Fil-lokalità tal-Baħrija l-Aġenzija wettqet xogħol fi Trejqet il-Gewz u Triq is-Sajf ta' San Martin.

Seduta 89
14/02/2023

**FINANCIAL INCENTIVES FOR THE AUDIOVISUAL INDUSTRY - GĦOTI TA' INĊENTIVI**

**6251. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 4339, 4896, 5647 u 5844 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra rendikont dettaljat ta' kull inċentiv li ngħata taħt il-Financial Incentives for the Audiovisual Industry: Cash Rebate mill-2006 sal-2022 s'issa? Għal kull proġett, jista' jinkludi l-isem tal-proġett, l-isem tal-kumpanija li bbenefikat mill-cash rebate, l-ammont li ngħata mill-Gvern bħala Cash Rebate, l-ispiża diretta tal-film f'Malta u l-ispiża indiretta (fuq riżorsi jew servizzi mill-UE) li kienet eliġibbli għal cash rebate?

07/02/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 89
14/02/2023

**FINANCIAL INCENTIVES FOR THE AUDIOVISUAL INDUSTRY - KORRISPONDENZA**

**6252. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5865, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, u l-mistoqsijiet parlamentari 4340 u 5646, li oriġinarjament saru lill-Ministru għat-Turiżmu u li issa ġew referuti lilu, u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-korrispondenza kollha li għaddiet bejn il-Gvern Malti u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-tibdil li tħabbar aktar kmieni din is-sena fil-Financial Incentives for the Audiovisual Industry: Cash Rebate? Jista' jippubblika wkoll l-approvazzjoni li ngħatat mill-Kummissjoni Ewropea?

07/02/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-iskema *Financial Incentives for the Audiovisual Industry: Cash Rebate* hija implimentata skond il-parametri applikabbli tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, kif emendat.

Hekk kif stabbilit f'dan ir-Regolament, kull għajnuna li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stipulati fih, kemm dawk ġenerali u kif ukoll dawk speċifiċi għall-kategoriji rilevanti ta' għajnuna, għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika lil Kummissjoni skond l-Artikolu 108(3) tat-Trattat. F'dawn il-każijiet l-iStati Membri għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni, l-informazzjoni fil-qosor dwar il-miżura ta' għajnuna konċernata li hija eżentata skond dan ir-Regolament fil-format standardizzat stabbilit fl-istess Regolament. Din l-informazzjoni tiġi sussegwentament ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Kopja ta' din il-pubblikazzjoni dwar l-iskema *Financial Incentives for the Audiovisual Industry: Cash Rebate* qiegħda titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 89
14/02/2023

**ARBITRU GĦAS-SERVIZZI FINANZJARJI – KAŻIJIET FL-2022**

**6263. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il każ daħal għand l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji matul l-2022, xahar b'xahar, kemm minnhom ġew riżolti u kemm fadal pendenti?

07/02/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fl-2022, l-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji rreġistra 151 ilment formali, kif ġej: Jannar: 12; Frar: 13; Marzu: 14; April: 9; Mejju: 12; Ġunju: 24; Lulju: 17; Awwissu: 5; Settembru: 11; Ottubru: 16; Novembru: 10; u Diċembru: 8.

Mill-każijiet li daħlu fis-sena 2022, 108 każ kien baqa' pendenti fl-aħħar tas-sena.
Ma' dawn wieħed iżid 638 enquiry u każijiet minuri li ġew riżolti fl-istess żmien li daħlu.

Seduta 89
14/02/2023

**ARBITRU GĦAS-SERVIZZI FINANZJARJI – KAŻIJIET FL-2021**

**6264. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il każ daħal għand l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji matul l-2021, xahar b'xahar, kemm minnhom ġew riżolti u kemm kien hemm minnhom pendenti sal-aħħar tal-2021?

07/02/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fl-2021, l-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji rreġistra 167 ilment formali, kif ġej: Jannar: 16; Frar: 14; Marzu: 8; April: 16; Mejju: 18; Ġunju: 9; Lulju: 22; Awwissu: 15; Settembru: 10; Ottubru: 10; Novembru: 13; u Diċembru: 16.

Mill-każijiet li daħlu fis-sena 2021, 98 każ kien baqa' pendenti fl-aħħar tas-sena peress li wħud minnhom daħlu fl-aħħar xhur tas-sena.

Ma' dawn wieħed iżid 814-il enquiry u każijiet minuri li ġew riżolti fl-istess żmien li daħlu.

Seduta 89
14/02/2023

**ARBITRU GĦAS-SERVIZZI FINANZJARJI – KAŻIJIET FL-2020**

**6265. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il każ daħal għand l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji matul l-2020, xahar b'xahar, kemm minnhom ġew riżolti u kemm kien hemm minnhom pendenti sal-aħħar tal-2020?

07/02/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fl-2020, l-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji rreġistra 145 ilment formali, kif ġej: Jannar: 13; Frar: 15; Marzu: 6; April: 11; Mejju: 2; Ġunju: 12; Lulju: 14; Awwissu: 12; Settembru: 13; Ottubru: 18; Novembru: 10 u Diċembru: 19.

Mill-każijiet li daħlu fis-sena 2020, 81 każ kien baqa' pendenti fl-aħħar tas-sena peress li wħud minnhom daħlu fl-aħħar xhur tas-sena.

Ma' dawn wieħed iżid 1084 enquiry u każijiet minuri li ġew riżolti fl-istess żmien li daħlu.

Seduta 89
14/02/2023

**L-IMĠARR, IL-MELLIEĦA, IN-NAXXAR U SAN PAWL IL-BAĦAR – SERVIZZI TAL-ELETTRIKU**

**6267. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm hu n-numru ta' servizzi tal-elettriku (arloġġi tad-dawl), skont il-kategoriji differenti ta' servizzi, li hemm fl-Imġarr, fil-Mellieħa, in-Naxxar u San Pawl il-Baħar, rispettivament?

07/02/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Qiegħda npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba.

Seduta 89
14/02/2023

**NAXXAR – SERVIZZ TAL-ELETTRIKU**

**6268. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm hu l-konsum globali tal-elettriku li jintuża ġewwa n-Naxxar? Liema huma dawk id-distribution centres, substations eċċ. li jagħtu s-servizz tal-elettriku ġewwa n-Naxxar? Tista' tgħid fejn jinsabu s-substations tal-elettriku fil-lokalità tan-Naxxar? Minn liema distribution centres tirċievi s-supply kull substation fin-Naxxar?

07/02/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-konsum tal-elettriku mis-substations tan-Naxxar is-sena li għaddiet kien ta' 47,646MWh. Dwar it-tieni parti tal-mistoqsija qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra dokument bil-lista tas-substations li l-Enemalta għandha fin-Naxxar u ma' liema Ċentri ta' Distribuzzjoni dawn jinsabu mqabbda.

Seduta 89
14/02/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – TELGĦET IX-XEMXIJA – TISWIJA TAL-MOLL**

**6269. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jieħu l-passi neċessarji biex il-moll li jinsab taħt it-triq prinċipali tax-Xemxija, jiġifieri Telgħet ix-Xemxija, San Pawl il-Baħar, jiġi rranġat qabel jitkisser iktar, hekk kif bħalissa dan diġà fih ħafna ħsara?

07/02/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 89
14/02/2023

**ĦAL QORMI – TRIQ IL-FURNAR – TINDIF REGOLARI**

**6270. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara hux possibbli li Triq il-Furnar, f'Ħal Qormi, ikollha tindif iktar regolari matul il-ġimgħa?

07/02/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi li minħabba l-fatt li dawn it-toroq jakkomodaw diversi garaxxijiet tax-xogħol, il-knis ta' dawn it-toroq isir regolarment kull nhar ta' Sibt.

Seduta 89
14/02/2023

**ĦAL QORMI – TRIQ IR-RAGĦAJ – TINDIF REGOLARI**

**6271. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara hux possibbli li Triq ir-Ragħaj, f'Ħal Qormi, ikollha tindif iktar regolari matul il-ġimgħa?

07/02/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi li minħabba l-fatt li dawn it-toroq jakkomodaw diversi garaxxijiet tax-xogħol, il-knis ta' dawn it-toroq isir regolarment kull nhar ta' Sibt.

Seduta 89
14/02/2023

**ĦAL QORMI – TRIQ ARMAL – TINDIF REGOLARI**

**6272. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara hux possibbli li Triq Armal, f'Ħal Qormi, ikollha tindif iktar regolari matul il-ġimgħa?

07/02/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi li minħabba l-fatt li dawn it-toroq jakkomodaw diversi garaxxijiet tax-xogħol, il-knis ta' dawn it-toroq isir regolarment kull nhar ta' Sibt.

Seduta 89
14/02/2023

**NAXXAR – DISABILITY HUB – ALLOKAZZJONI TA' FONDI**

**6280. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kif inhu ppjanat li jintefqu t-€300,000 allokati għad-Disability Hub fin-Naxxar għal din is-sena?

07/02/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kif diġà spjegat fir-risposta tal-mistoqsija parlamentari 3655, l-ammont hu disponibbli għal bdil fid-disinn u l-kunċett tal-proġett li, fost affarijiet oħrajn, irid jirrispetta l-obbligi tal-Konvenzjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità.

Seduta 89
14/02/2023

**DIPARTIMENT TAL-PROTEZZJONI ĊIVILI – TAĦRIĠ LILL-ĦADDIEMA DWAR TERREMOTI**

**6281. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5947, jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar fiex kien jikkonsisti kull wieħed mit-taħriġ imsemmi fit-tweġiba? Għal kull taħriġ li sar, kemm kien hemm persuni li ħadu sehem f'kull waħda mill-inizjattivi involuti? Għal kull taħriġ li sar, kemm għad hemm persuni li ħadu sehem f'dan it-taħriġ u għadhom impjegati mal-Protezzjoni Ċivili? Meta hu mistenni li jkun hemm programm ieħor ta' taħriġ?

07/02/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-membri kollha tal-forza jieħdu taħriġ ta kif wieħed jaħdem meta jkun hemm kollass ta bini u kif wieħed għandu iqatta materjal u jqalleb qalb it-tifrik. Id-Dipartiment ikollu ukoll taħriġ speċjali għal tagħmir u għodda partikulari bħal drones, klieb, cameras u microphones għal taħt it-tifrik. Finalment isiru ukoll eżercizzji ta' taħriġ li jkunu jissimulaw dan il-fatt u tingħata preferenza għal sezzjoni USAR (Urban Search and Rescue) għal dan it-taħriġ, peress li din is-sezzjoni tispeccjalizza f'dan it-tip ta' xogħol, kif ukoll jingħata dan it-taħrig lil pumpiera oħra skond l-esiġenzi tas-servizz.

- Eżeċcizzju ma THW (Germanja) 2010. 25 ruħ – Intbagħtu l-voluntiera tad-Dipartiment
- Eżeċcizzju Twist 2013 30 ruħ – Intbgħatet is-sezzjoni USAR / voluntiera kif ukoll xi Uffiċjali tad-Dipartiment
- Eżeċcizzju Simit 2015 120 ruħ – Kien sar gewwa Għawdex u Tramuntana ta' Malta. Gew involuti il-pumpiera kollha ta 2 xiftijiet minn 3 u sezzjoni voluntiera
- Eżeċcizzju Simit Tharsy 2022 25 ruħ – Sezzjoni USAR + membri minn Hal Far
- Eżeċcizzju ma UK ISAR 2016. 25 ruħ – Sezzjoni USAR + voluntiera
- Eżeċcizzju PACES 2019 10 rwieħ – Ufficjali mid-Dipartiment
- Dawn minbarra diversi ezercizzji zgħar oħra fejn ipparteċipajna b'osservaturi, jew oħrajn li saru lokali mid-DPĊ sabiex jiġu mħarrġa teams lokali.

Rigward irtirar mill- 2013 kien hemm persuna waħda li irtirat mis-sezzjoni USAR, filwaqt li kien hemm xi 29 oħra li irtiraw mill-istazzjonijiet. Hemm il-ħsieb li ssir applikazzjoni oħra mal-UE rigward eżerċizzju ieħor din id-darba fuq skala nazzjonali.

Seduta 89
14/02/2023

**DIPARTIMENT TAL-PROTEZZJONI ĊIVILI - ĦADDIEMA**

**6282. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu n-numru ta' ħaddiema fi ħdan id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili? Minn dawn il-ħaddiema kemm-il persuna ħadet taħriġ dwar l-eventwalità ta' terremoti jew tsunami f'pajjiżna? Xi rwol għandhom dawn il-ħaddiema fi ħdan il-Protezzjoni Ċivili?

07/02/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili għandu fi ħdanu 283 impjegati li minnhom;

· 22 minnhom iservu fl'Amministrazzjoni
· 261 iservu fil-Forza

Minn dawn il-261 kollha jieħdu taħriġ ta' kif wieħed jaħdem meta jkun hemm kollass ta bini u kif wieħed għandu iqatta materjal u jqalleb qalb it-tifrik. Id-Dipartiment ikollu ukoll taħriġ speċjali għal tagħmir u għodda partikulari bħal drones, klieb, cameras u microphones għal taħt it-tifrik. Finalment isiru ukoll eżercizzji ta' taħriġ li jkunu jissimulaw dan il-fatt u tingħata preferenża għal sezzjoni USAR (Urban Search and Rescue) għal dan it-taħriġ, peress li din is-sezzjoni tispeċċjalizza f'dan it-tip ta' xogħol, kif ukoll jingħata dan it-taħrig lil pumpiera oħra skond l-esiġenżi tas-servizz. F'aħħar isir ukoll taħriġ ta kif tim għandu iġib ruħu barra minn Malta u kif l-ufficjali għandu jikkomunika mal-pajjiz affetwat, mal-EU u ma kulturi differenti. Dan it-taħriġ jingħata mill EU Civil Protection Mechanism u jsir lill Team Leaders, Deputy Team Leaders u oħrajn li jkunu jaqdu rwol specifiku f'dan it-tim.

Seduta 89
14/02/2023

**SIĠĠIEWI - TRIQ IS-SIĠĠIEWI - XOGĦLIJIET**

**6287. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5982, jista' l-Ministru jgħid x'kien jinvolvi x-xogħol li sar fi Triq is-Siġġiewi, fis-Siġġiewi, fi Frar u Marzu 2022 u kemm ġie jiswa?

08/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol li sar fi Triq is-Siġġiewi, Siġġiewi kien jinkludi bdil ta' soqfa ta' 'manholes' eżistenti li kienu sfrundaw, kif ukoll tqaxxir u bdil tal-wiċċ tat-triq billi ngħata asfalt ġdid. Dawn ix-xogħlijiet ammontaw għal €393,109.40 (VAT mhux inkluż).

Seduta 89
14/02/2023

**TAXXI MĦALLSA MINN ĦADDIEMA BARRANIN**

**6288. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5893 u jgħid kemm tħallsu taxxi minn ħaddiema barranin li jgħixu Malta f'dawn l-aħħar għaxar snin?

08/02/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ammont ta' taxxa fuq dħul imħallsa minn ħaddiema barranin li jgħixu Malta, sena b'sena mill-2012 sa 2021, kien kif ġej:

| Sena | Taxxa (Euro) |
|---|---|
| 2012 | 47,577,840 |
| 2013 | 54,361,310 |
| 2014 | 68,619,697 |
| 2015 | 83,017,819 |
| 2016 | 111,749,313 |
| 2017 | 130,472,541 |
| 2018 | 162,071,724 |
| 2019 | 193,259,720 |
| 2020 | 216,387,178 |
| 2021 | 250,194,797 |

L-ammonti msemmija jinkludu taxxa fuq perkaċċi relatati ma' impjieg.

Seduta 89
14/02/2023

**BELT VALLETTA – GREEN WEEK - INFIQ**

**6333. L-ONOR. ABIGAIL CAMILLERI** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet in-nefqa fl-aħħar erba' snin fuq il-Proġett tal-Infjorata li jittella' fi Pjazza San Ġorġ, il-Belt Valletta, fil-Green Week?

09/02/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Tlabt sabiex it-tagħrif jinġabar.

Seduta 89
14/02/2023

**KUNSILLI LOKALI – ĦLAS TA' DAWL MILL-PRODUZZJONI TAL-PANNELLI SOLARI**

**6334. L-ONOR. ABIGAIL CAMILLERI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm qed jitħallsu lura l-kunsilli għal kull unit ta' dawl li qed jipproduċu mill-pannelli solari?

09/02/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li r-rata mħallsa lill-kunsilli lokali għall-elettriku esportat lejn il-grid tiddependi fuq liema arranġament ikunu daħlu fih meta installaw l-installazzjoni pannelli solari.

Seduta 89
14/02/2023

**PULIZIJA – RAPPORTI DWAR KAŻIJIET TA' SERQ**

**6335. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każijiet ta' serq irrapportati fis-snin 2018, 2019, 2021 u 2022?

09/02/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' każijiet ta' serq, irrappurtati lill-Pulizija huwa kif jidher fit-tabella riprodotta hawn taħt:

| Sena | Ammont |
|---|---|
| | |
| 2008 | 8127 |
| 2009 | 6843 |
| 2010 | 7769 |
| 2011 | 8520 |
| 2012 | 8690 |
| 2013 | 8469 |
| 2014 | 8198 |
| 2015 | 8653 |
| 2016 | 8821 |
| 2017 | 8255 |
| 2018 | 6528 |
| 2019 | 6631 |
| 2020 | 4578 |
| 2021 | 4478 |
| 2022 | 4612 |

Seduta 89
14/02/2023

**PULIZIJA – RAPPORTI DWAR KAŻIJIET TA' VJOLENZA DOMESTIKA**

**6336. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każijiet ta' vjolenza domestika rrapportati fis-snin 2018, 2019, 2021 u 2022?

09/02/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi r-rapporti ta' vjolenza domestika kienu kif jidhru fit-tabella riprodotta hawn taħt. F'Ottubru 2020 twaqqfet Taqsima ta' kontra l-Vjolenza Domestika u l-vjolenza a bażi tal-ġeneru fejn għall-ewwel darba vittmi ta' vjolenza domestika u vjolenza a bażi tal-ġeneru bdew jirċievu servizz minn uffiċjali mħarrġa għal dan l-għan. Dan kien akkumpanjat minn kampanja sabiex vittmi jersqu 'l quddiem u jirrappurtaw.

| Sena | Ammont |
|---|---|
| 2008 | 450 |
| 2009 | 543 |
| 2010 | 659 |
| 2011 | 848 |
| 2012 | 1028 |
| 2013 | 1024 |
| 2014 | 1048 |
| 2015 | 1205 |
| 2016 | 1272 |
| 2017 | 1257 |
| 2018 | 1341 |
| 2019 | 1325 |
| 2020 | 1645 |
| 2021 | 1741 |
| 2022 | 1830 |

Seduta 89
14/02/2023

**PULIZIJA – RAPPORTI DWAR KAŻIJIET TA' ĦSARA VOLONTARJA**

**6337. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każijiet ta' ħsara volontarja rrapportati fis-snin 2018, 2019, 2021 u 2022?

09/02/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' każijiet ta' ħsara volontarja rrapportati lill-Pulizija huwa kif indikat fit-tabella riprodotta hawn taħt:

| Sena | Total |
|---|---|
| 2008 | 2035 |
| 2009 | 1729 |
| 2010 | 1867 |
| 2011 | 1718 |
| 2012 | 1706 |
| 2013 | 1681 |
| 2014 | 1679 |
| 2015 | 1505 |
| 2016 | 1538 |
| 2017 | 1359 |
| 2018 | 1413 |

| | |
|---|---|
| 2019 | 1356 |
| 2020 | 1122 |
| 2021 | 1205 |
| 2022 | 1205 |

Seduta 89
14/02/2023

**PULIZIJA – RAPPORTI DWAR KAŻIJIET TA' FRODI**

**6338. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każijiet ta' frodi rrapportati fis-snin 2018, 2019, 2021 u 2022?

09/02/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' każijiet ta' frodi rrappurtati lill-Pulizija bejn is-snin 2018 u l-2022 huwa kif jidher fit-tabella ta' hawn taħt:

| **Sena** | **2018** | **2019** | **2020** | **2021** | **2022** |
|---|---|---|---|---|---|
| **Ammont** | 1032 | 821 | 811 | 2376 | 1562 |

Seduta 89
14/02/2023

**PULIZIJA – RAPPORTI DWAR KAŻIJIET TA' OMIĊIDJI**

**6339. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każijiet ta' omiċidji fis-snin 2018, 2019, 2021 u 2022?

09/02/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6167.

Seduta 89
14/02/2023

**PULIZIJA – RAPPORTI DWAR KAŻIJIET TA' BON ORDNI U PAĊI PUBBLIKU**

**6340. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każijiet ta' bon ordni u paċi pubbliku rrapportati fis-snin 2018, 2019, 2021 u 2022?

09/02/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' każijiet ta' ksur ta' bon ordni u paċi pubbliku b'diversi modi rrappurtati lill-Pulizija kienu kif jidher fit tabella riprodotta hawn taħt:

| **Sena** | **Ammont** |
|---|---|
| | |
| 2008 | 598 |
| 2009 | 674 |
| 2010 | 579 |
| 2011 | 615 |
| 2012 | 532 |
| 2013 | 515 |
| 2014 | 494 |

| | |
|---|---|
| 2015 | 493 |
| 2016 | 403 |
| 2017 | 393 |
| 2018 | 384 |
| 2019 | 396 |
| 2020 | 396 |
| 2021 | 372 |
| 2022 | 388 |

Seduta 89
14/02/2023

**REĠISTRU TAL-ARTIJIET – APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI GĦAT-TITOLU**

**6346. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm applikazzjonijiet pendenti għat-titolu fir-Reġistru tal-Artijiet sal-aħħar ta' Jannar 2023?

09/02/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. interpellant li tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta 89
14/02/2023

**REĠISTRU TAL-ARTIJIET – APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI GĦALL-KAWZJONI**

**6347. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm applikazzjonijiet pendenti għall-kawzjoni fir-Reġistru tal-Artijiet sal-aħħar ta' Jannar 2023?

09/02/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta 89
14/02/2023

**PROĠETTI AMBJENTALI**

**6348. L-ONOR. CRESSIDA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid x'kien l-ammont ta' proġetti ambjentali li tlestew mis-sena 2020 'il quddiem f'dawn il-lokalitajiet: Belt Valletta, Marsa, Santa Venera, Ħamrun, Tal-Pietà u Floriana?

09/02/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-proġetti ambjentali li twettqu mis-sena 2020 'il quddiem kienu mifruxa f'bosta nħawi tal-gżejjer Maltin u ma kinux limitati biss għal-lokalitajiet li qed tirreferi għalihom fil-mistoqsija.

Madankollu, ninsab infurmata li fil-lokalitajiet tal-Belt Valletta, il-Marsa, Santa Venera, il-Ħamrun, Tal-Pietà u il-Furjana twettqu madwar 23 inizjattiva ambjentali.

Seduta 89
14/02/2023

**PROĠETTI AMBJENTALI**

**6349. L-ONOR. CRESSIDA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid x'inhu l-ammont ta' proġetti ambjentali li huma ppjanati għal din is-sena 'l quddiem f'dawn il-lokalitajiet: Belt Valletta, Marsa, Santa Venera, Ħamrun, Tal-Pietà u Floriana?

09/02/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li meta tikkunsidra l-miżuri li joħorġu mill-manifest Malta Flimkien kif ukoll dawk li tħabbru fid-diskorsi tal-baġit tas-snin li għaddew, wieħed isib mhux inqas minn għaxar miżuri ambjentali għalissa li jolqtu direttament il-lokalitajiet imsemmija fil-mistoqsija; dawn minbarra l-għadd kbir ta' proġetti u inizjattivi ambjentali oħrajn li se jtejbu l-livell tal-ħajja tan-nies fil-lokalitajiet kollha ta' Malta u Għawdex.

Seduta 89
14/02/2023

**AĠENZIJA PROJECT GREEN – PROĠETTI AMBJENTALI**

**6350. L-ONOR. CRESSIDA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Fid-dawl tat-tnedija tal-aġenzija l-ġdida: Project Green, tista' l-Ministru tgħid kif se jkunu qed jiġu prijoritizzati l-proġetti ambjentali li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta' din l-aġenzija madwar Malta u Għawdex?

09/02/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Il-proġetti ambjentali taħt ir-responsabiltà ta Project Green jaqgħu f'numru ta kategoriji differenti u għaldaqstant il-kriterji li jintużaw sabiex tiġi stabbilita l-prijorità tal-proġett tvarja skond in-natura u l-karatteristiċi tal-proġett innifsu.

Madankollu bħala linja gwida il-proġetti qegħdin ikunu prijoritizzati skont l-impatt pożittiv li dawn mistennija jħallu fuq il-lokalitajiet u l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini u r-residenti fl-inħawi.

Sabiex dan issir qed jiġu evalwati numru ta Green Outputs għal kull proġett li qiegħed jiġi evalwat. Dawn il-Green Outputs huma pubbliċi u jistgħu jiġu aċċessati minn fuq is-sit elettroniku ta' Project Green u jinkludu fost l-oħrajn l-ammont f'metri kwadri ta spazji ħodor ġodda li se jkunu qed jinħolqu, il-livell ta afforestazzjoni marbut mal-proġett, iż-żieda fl-accessibilita għall-mobbiltà alternattiva, l-użu ta materjal sostenibbli fil-proġett innifsu, u fuq kollox l-ammont ta persuni li jgħixu f'anqas minn 10 minuti miexi mil-proġett.

Dan filwaqt li qed tingħata prijorità wkoll għal fatturi aktar kwalitattivi bħal l-estetika u l-innovazzjoni fil-proġett u il-mod kif dan jadatta għad-demografija taż-żona.

Seduta 89
14/02/2023

**RAĦAL ĠDID – GĦAJN DWIELI – MANUTENZJONI TA' APPARTAMENTI**

**6351. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5689, jista' l-Ministru jgħid jekk humiex se jsiru xogħlijiet ta' tiswija fl-appartamenti tal-Gvern li hemm faċċata tal-Knisja ta' Għajn Dwieli, Raħal Ġdid, fi Triq Kordin u ċjoè Blk A, B, C u D tul din is-sena?

09/02/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-blokok ta' Binja Kordin fi Pjazza Sant'Antnin, Raħal Ġdid, mhumiex proprjetà tal-Awtorità tad-Djar.

Seduta 89
14/02/2023

**RAĦAL ĠDID – PJAZZA QUDDIEM IL-KNISJA TA' GĦAJN DWIELI - XOGĦLIJIET**

**6352. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk humiex se jsiru xogħlijiet matul din is-sena sabiex tiġi rranġata aħjar il-pjazza li hemm quddiem il-Knisja ta' Għajn Dwieli, Raħal Ġdid u jgħid ukoll jekk jistgħux jinbidlu l-balavostri li qed jitmermru?

09/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta varat proċess ta' konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali, fosthom dak ta' Raħal Ġdid, fejn talbithom jagħtu lista ta' toroq li għandhom bżonn xogħol infrastrutturali u li huma ta' prijorità għal-lokalità tagħhom, sabiex ikunu jistgħu jsiru fis-snin li ġejjn. Dan skont skeda dettaljata li għadha qed tiġi diskussa u mifthiema magħhom.

Seduta 89
14/02/2023

**RAĦAL ĠDID – PJAZZA QUDDIEM IL-KNISJA TA' GĦAJN DWIELI - XOGĦLIJIET**

**6353. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk humiex se jsiru xogħlijiet matul din is-sena sabiex tiġi rranġata aħjar il-pjazza li hemm quddiem il-Knisja ta' Għajn Dwieli, Raħal Ġdid u jgħid ukoll jekk jistgħux jinbidlu l-balavostri li qed jitmermru?

09/02/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tar-Raħal Ġdid li x-xogħlijiet imsemmija, inkluż t-tqegħid ta' balavostri ġodda, ser isiru mid-dipartiment kkonċernat fil-ġranet li ġejjin.
Għaldaqstant ikun aktar opportun jekk l-Onor. Interpellant jirreferi l-interpellanza tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 89
14/02/2023

**RAĦAL ĠDID – PJAZZA QUDDIEM IL-KNISJA TA' GĦAJN DWIELI - XOGĦLIJIET**

**6354. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk humiex se jsiru xogħlijiet matul din is-sena sabiex tiġi rranġata aħjar il-pjazza li hemm quddiem il-Knisja ta' Għajn Dwieli, Raħal Ġdid u jgħid ukoll jekk jistgħux jinbidlu l-balavostri li qed jitmermru?

09/02/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li se jsiru xogħlijiet matul din is-sena sabiex tiġi rranġata l-pjazza li hemm quddiem il-Knisja ta' Għajn Dwieli, Raħal Ġdid u l-balavostri jistgħu jinbidlu.

Seduta 89
14/02/2023

**GĦAWDEX – KERĊEM - GĦADIRA TA' SAN RAFFLU – XOGĦLIJIET**

**6355. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 3368 u 4095, jista' l-Ministru jgħid x'xogħlijiet saru fl-Għadira ta San Rafflu fil-limiti ta' Kerċem u jistax jgħid ukoll liema awtorità hija inkarigata sabiex iżżomm l-ambjent tal-istess għadira nadif?

09/02/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 89
14/02/2023

**GĦAWDEX – KERĊEM - GĦADIRA TA' SAN RAFFLU**

**6356. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk l-Għadira ta' San Rafflu fil-limiti ta' Kerċem hijiex qed tiġi monitorata u l-ambjent tagħha miżmum u kkontrollat mill-uffiċjali tal-Ministeru?

09/02/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi bħalissa għaddej monitoraġġ fl-Għadira ta' San Rafflu dwar il-kwalità tal-ilma u tal-ekoloġija skont id-Direttiva li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (*Water Framework Directive*). Bħala parti minn din l-istess Direttiva, l-immaniġġjar tas-sit isir skont ir-riżultati ta' dan il-monitoraġġ.

Seduta 89
14/02/2023

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – PERSUNA LI SSERVI BĦALA CEO TA' ŻEWĠ ENTITAJIET**

**6366. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratti tal-persuna, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, li sservi bħala CEO ta' żewg entitajiet? Jista' jgħid kif persuna waħda tista' tiġi permessa tagħmel xogħol bħala CEO full-time ta' żewġ entitajiet differenti tal-Gvern, illi t-tnejn inzertaw jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu?

09/02/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-pożizzjoni ta' CEO fl-ITS hija full-time filwaqt li dik fl-MCC hija fuq bażi part-time.
Ninformah li s-Sur Fenech ġie maħtur CEO tal-MCC u sussegwentement tal-ITS fl-2015 wara 25 sena jaħdem fis-settur privat. Il-ħatra fl-MCC saret wara li s-CEO ta' qablu li fl-2009 kien ġie appuntat mis-Segretarju Parlamentari tat-Turiżmu ta' dak iż-żmien bħala CEO tal-MCC u tat-Teatru Manoel, ġiet vakata.
Tajjeb li wieħed jirrimarka li mill-bidu tat-tmexxija tiegħu fl-ITS, l-istituzzjoni rat l-akbar bidla trasformazzjonali sa mit-twaqqif tagħha 35 sena ilu. Is-Sur Fenech ħa t-tmun tal-ITS f'mument meta din kienet qed tirriskja li titlef il-liċenzja biex topera bħala istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja. Wiret istituzzjoni li kienet traskurata għal snin sħaħ mill-amministrazzjonijiet preċedenti u prova ta' dan huma r-rapporti kritikanti tal-NAO u rapport ta' segwitu mill-IAID fl-2012 li fih ġie nnutat li mhux biss l-ITS ma tejbitx fuq ir-rakkomandazzjonijiet li sarulha, iżda fil-fatt kienet fi stat agħar.

Apparti li s-Sur Fenech irnexxielu jibni struttura ta' riżorsi umani mill-qiegħ nett peress li f'dak iż-żmien ma kienx hemm struttura fis-seħħ, kien biss taħt it-tmexxija tas-Sur Fenech li ġie ffirmat l-ewwel ftehim kollettiv mal-GWU għall-istaff amministrattiv – ftehim li kien ilu mistenni 30 sena. Is-Sur Fenech kien strumentali biex wara negozjati twal jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-letturi tal-ITS b'tali mod li dawn jiġu ugwali ma' istituzzjonijiet edukattivi għolja.

Wara 8 snin, is-Sur Fenech, flimkien mat-tim dedikat tiegħu, mhux biss irnexxielhom idawwru s-sitwazzjoni billi kisbu riżultati tajbin f'numru ta' audits li saru matul is-snin, iżda wkoll minn istituzzjoni li fl-2015 kienet toffri korsijiet sal-livell 5 MQF/EQF għal istituzzjoni li toffri degrees u Masters tal-ogħla kwalità fil-livelli 6 u 7. L-ITS bdiet tiġi rikonoxxuta fil-fora internazzjonali u kien propju għalhekk li s-Sur Fenech irnexxielu jassigura ftehim ma' istituzzjonijiet edukattivi li huma fost l-aqwa fid-dinja. Illum qed nassistu għall-ewwel istituzzjoni edukattiva li mhux biss se toffri l-edukazzjoni tagħha f'Malta, iżda permezz ta' ftehimiet fis-seħħ u oħrajn li għandhom jiġu ffirmati dalwaqt, l-ITS se tibda tesporta s-servizzi edukattivi tagħha u tirreġistra studenti f'pajjiżi terzi permezz tal-ftuħ ta' satellite campus lil hinn minn xtutna. L-ITS illum tinsab f'pożizzjoni li mhux biss toffri prodott eċċellenti lill-istudenti Maltin, iżda wkoll qed tiġbed l-attenzjoni tal-barranin li jridu jiġu jistudjaw hawn Malta. Taħt it-tmexxija tas-Sur Fenech, il-ħolma għall-industrija tagħna li jkollna kampus ġdid state of the art bdiet titwettaq.

Fir-rigward tal-MCC, is-Sur Fenech hawnhekk ukoll wiret entita' li ma kinitx qed tingħata l-importanza dovuta. Flimkien mat-tim dedikat tiegħu, f'temp ta' 7 snin ġew investiti €8.5m fi proġetti kapitali – medja ta' miljun fis-sena ikkumparat ma' kważi miljun fuq erba' snin (2008-2012) mill-amministrazzjoni preċedenti. Sal-aħħar ta' din is-sena mistennija tkun miftuħa s-Slaves Hall li tikkumplimenta ż-żewġ proġetti li ġew varati fl-aħħar snin, ċioe' il-Grand Harbour Terrace at MCC u l-Girolomo Cassar Hall.

Is-Sur Fenech irnexxielu jdawwar lil MCC minn istituzzjoni b'pożizzjoni finanzjarja ta' break-even għal waħda profittabbli, sal-punt li anke fl-agħar żmien tal-pandemija meta prattikament l-entita' tilfet in-negozju kollu tagħha, xorta kienet f'po¿izzjoni li tkompli bl-investiment fil-bini mingħajr ma kien hemm il-bżonn ta' intervent finanzjarju mill-Gvern Ċentrali.Intant, taħt it-tmexxija tas-Sur Fenech, fl-2022 l-MCC irreġistra l-aqwa riżultati fl-istorja finanzjarja taċ-Ċentru.

Seduta 89
14/02/2023

**IMPJEGATI MALTIN FL-2012**

**6374. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' impjegati Maltin li fl-2012 kienu jaqilgħu bejn:
€0-€10,000;
€10,000-€15,000;
€15,000-€20,000;
€20,000-€25,000;
€25,000-€30,000;
€30,000-€35,000;
€35,000-€45,000;
€45,000-€60,000;
€60,000-€90,000,
u aktar minn €90,000?

09/02/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 89
14/02/2023

**IMPJEGATI MINN PAJJIŻI TAL-UNJONI EWROPEA JAĦDMU F'MALTA FL-2012**

**6375. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' impjegati minn pajjiżi tal-Unjoni Ewropea li fl-2012 kienu jaħdmu f'pajjiżna u jaqilgħu bejn:
€0-€10,000;
€10,000-€15,000;
€15,000-€20,000;
€20,000-€25,000;
€25,000-€30,000;
€30,000-€35,000;
€35,000-€45,000;
€45,000-€60,000;
€60,000-€90,000
u aktar minn €90,000?

09/02/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 89
14/02/2023

**IMPJEGATI MINN PAJJIŻI TAL-UNJONI EWROPEA FL-2021**

**6376. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' impjegati minn pajjiżi tal-Unjoni Ewropea li fl-2021 kienu jaħdmu f'pajjiżna u jaqilgħu bejn:
€0-€10,000;
€10,000-€15,000;
€15,000-€20,000;
€20,000-€25,000;
€25,000-€30,000;
€30,000-€35,000;
€35,000-€45,000;
€45,000-€60,000;
€60,000-€90,000
u aktar minn €90,000?

09/02/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 89
14/02/2023

**IMPJEGATI THIRD COUNTRY NATIONALS FL-2012**

**6377. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' impjegati Third Country Nationals (TCN) li fl-2012 kienu jaqilgħu bejn:
€0-€10,000;
€10,000-€15,000;
€15,000-€20,000;
€20,000-€25,000;
€25,000-€30,000;
€30,000-€35,000;
€35,000-€45,000;
€45,000-€60,000;
€60,000-€90,000
u aktar minn €90,000?

09/02/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 89
14/02/2023